Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 18 ta' Novembru 2016**
**(OR. en)**

**14359/16**

**UEM 363**
**ECOFIN 1034**
**SOC 700**

## NOTA TA' TRASMISSJONI

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 17 ta' Novembru 2016 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2016) 728 final |
| Suġġett: | RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2017 (imħejji skont l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi) |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2016) 728 final.

---

Mehmuż: COM(2016) 728 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.11.2016
COM(2016) 728 final

# RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

## LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

## Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2017

**(imħejji skont l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi)**

{SWD(2016) 354 final}

MT MT

*Ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija (Alert Mechanism Report - AMR) huwa l-punt tat-tluq taċ-ċiklu annwali tal-proċedura ta' żbilanċ makroekonomiku (macroeconomic imbalance procedure - MIP), li għandu l-għan li jidentifika u jindirizza l-iżbilanċi li jfixklu l-funzjonament tajjeb tal-ekonomiji tal-Istati Membri jew l-ekonomija tal-UE u jistgħu jipperikolaw il-funzjonament tajjeb tal-unjoni ekonomika u monetarja.*

*L-AMR juża tabella ta' valutazzjoni ta' indikaturi magħżula, flimkien ma' sett usa' ta' indikaturi awżiljarji, sabiex jiskrinja l-Istati Membri għal żbilanċi ekonomiċi potenzjali li jeħtieġu azzjoni politika. L-Istati Membri identifikati mill-AMR imbagħad jiġu analizzati fil-fond mill-Kummissjoni sabiex jiġi vvalutat kif riskji makroekonomiċi fl-Istati Membri qed jakkumulaw jew jonqsu, u biex jiġi konkluż jekk jeżistux żbilanċi jew żbilanċi eċċessivi. Skont il-prattika stabbilita, għall-Istati Membri li fil-każ tagħhom kienu identifikati żbilanċi fis-serje preċedenti tal-IDRs (in-depth reviews), se jitħejja IDR ġdid f'kull każ.*

*Filwaqt li tikkunsidra d-diskussjonijiet mal-Parlament Ewropew u fil-Kunsill u fil-Grupp tal-Euro, il-Kummissjoni se tħejji IDRs għall-Istati Membri rilevanti. Is-sejbiet se jiġu inkorporati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSRs) taħt is-Semestru Ewropew tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. L-IDRs huma mistennija jiġu ppubblikati fi Frar tal-2017 bħala parti mir-rapporti tal-pajjiżi, qabel il-pakkett tas-Semestru Ewropew tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.*

## 1. SOMMARJU EŻEKUTTIV

**Dan ir-rapport jibda s-sitt rawnd annwali tal-proċedura ta' żbilanċ makroekonomiku (MIP)[1].** Il-proċedura għandha l-għan li tidentifika żbilanċi li jtellfu l-funzjonament mingħajr intoppi tal-ekonomiji tal-Istati Membri u li tixpruna tweġibiet politiċi xierqa. L-implimentazzjoni tal-MIP hija integrata fis-Semestru Ewropew tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika sabiex tiġi żgurata konsistenza mal-analiżijiet u r-rakkomandazzjonijiet li jkunu saru skont għodod oħra ta' sorveljanza ekonomika. L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir (annual growth survey. AGS), li huwa adottat fl-istess ħin ta' dan ir-rapport, jikkunsidra s-sitwazzjoni ekonomika u soċjali fl-Ewropa u jistabbilixxi prijoritajiet ta' politika wiesa' għall-UE kollha kemm hi għas-sena li ġejja.

**Ir-rapport jidentifika l-Istati Membri li jenħtieġ li jsirulhom analiżijiet fil-fond (IDRs) biex jiġi vvalutat jekk humiex affettwati mill-iżbilanċi li jeħtieġu azzjoni politika[2].** Ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija (AMR) huwa għodda li tiskrinja l-iżbilanċi ekonomiċi, u jiġi ppubblikat fil-bidu ta' kull ċiklu annwali ta' koordinazzjoni tal-politika ekonomika. B'mod partikolari, dan huwa bbażat fuq qari ekonomiku tat-tabella ta' valutazzjoni tal-indikaturi b'livelli limiti indikattivi, flimkien ma' sett ta' indikaturi awżiljarji.

**Ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija jenfasizza kunsiderazzjonijiet taż-Żona tal-Euro.** Skont il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Ottubru 2015 "*Dwar Passi Lejn l-Ikkompletar tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja*", l-AMR jimmira lejn analiżi

[1] Dan ir-rapport huwa akkumpanjat minn *Anness ta' Statistika* li jinkludi statistika rikka li kkontribwixxiet għall-informazzjoni ta' dan ir-rapport.

[2] Ara l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011.

sistematika tal-implikazjonijiet wesgħin ta' żbilanċi tal-pajjiżi kkonċernati fiż-Żona tal-Euro u jeżamina kif dawn l-implikazzjonijiet jirrikjedu approċċ ikkoordinat għar-reazzjonijiet politiċi.

**Il-valutazzjoni f'dan ir-rapport hija stabbilita fi sfond ta' rkupru ekonomiku kontinwu iżda li għadu fraġli.** It-tbassir ekonomiku tal-Kummissjoni Ewropea tal-Ħarifa 2016 qed jipprevedi li t-tkabbir reali tal-PGD fl-UE se jkun ta' 1,8 % fl-2016 u li se jonqos għal 1,6 % fl-2017, fl-isfond ta' tnaqqis fid-domanda domestika, b'mod partikolari l-konsum privat u l-investiment. It-tbassir dwar il-PDG għaż-Żona tal-Euro huma ta' 1,7 % u ta' 1,5 % għall-2016 u l-2017, rispettivament. L-inflazzjoni mistennija tibqa' f'livelli storikament baxxi fl-2016 u l-2017, b'inflazzjoni bażi ta' madwar 1 % minkejja l-pożizzjoni ta' politika monetarja akkomodanti ħafna. Il-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol huma mistennija jkomplu jitjiebu, filwaqt li r-rata tal-qgħad fl-UE mbassra li taqa' minn madwar 8,6 % fl-2016 għal 8,3 % fl-2017. L-irjieħ favorevoli li appoġġaw l-irkupru sa issa, qegħdin ibattu (il-waqgħa fil-prezzijiet taż-żejt, id-deprezzament tal-euro), waqt li r-riskji għall-prospettiva jibqgħu jippersistu. Minkejja l-irkupru f'xi swieq emerġenti, għad fadal inċertezzi marbuta mal-riekwilibriju fiċ-Ċina u l-implikazzjonijiet tan-normalizzazzjoni tal-politika monetarja tal-Istati Uniti għal flussi kapitali globali. L-inċertezzi marbuta mat-tensjonijiet ġeopolitiċi jibqgħu għoljin, filwaqt li qed jitfaċċaw riskji marbuta mal-ambjent politiku abbażi ta' populiżmu rampanti marbut f'ċerti każijiet ma' tbatija soċjali u lassitudni f'dak li għandu x'jaqsam ma' riformi u mar-rinfurzar ta' tendenzi protezzjonisti madwar id-dinja.

**L-analiżi orizzontali ppreżentata fl-AMR twassal għal għadd ta' konklużjonijiet:**

- **L-aġġustament f'pajjiżi b'defiċits esterni jew dejn kompla sejjer 'il quddiem, filwaqt li s-surplus kbir fil-kont kurrenti qed jippersisti.** Sar progress sinifikanti fost il-pajjiżi debituri netti fil-korrezzjoni tal-iżbilanċi esterni tagħhom. Id-defiċits mhux sostenibbli fil-kont kurrenti ġew eliminati fi kważi l-Istati Membri kollha, inkluż minħabba l-aġġustamenti fil-kompetittività tal-ispejjeż tul dawn l-aħħar snin, għalkemm il-ħażniet ta' obligazzjonijiet netti barranin baqgħu għoljin. B'kuntrast, is-surplus fil-kont kurrenti mhux qed ikun aġġustat fil-pajjiżi kredituri netti kollha u f'ċerti każijiet qed ikompli jikber.

- **Id-diżingranaġġ tad-dejn privat qed jissokta, iżda b'pass bil-mod u irregolari, imxekkel minn tkabbir nominali baxx.** Il-vulnerabbiltajiet assoċjati ma' livelli għolja ta' dejn privat, ħafna drabi marbuta ma' stokkijiet kbar ta' dejn tal-gvern, għadhom jippersistu f'għadd ta' pajjiżi. L-isporġenza debitorja privata qed tnaqqas l-investiment u f'ċerti pajjiżi qed tkun il-kaġun ta' karti bilanċjali dgħajfa fil-banek. Id-diżingranaġġ għadu għaddej iżda fil-biċċa l-kbira tal-każijiet b'pass kajman meta mqabbel ma' esperjenzi tal-imgħoddi, notevolment fid-dawl ta' tkabbir nominali baxx[3]. Barra minn hekk, id-diżingranaġġ mhux dejjem qed iseħħ fejn huwa l-aktar meħtieġ, b'xi pajjiżi b'dejn għoli jagħmlu inqas progress fit-tnaqqis tal-obbligazzjonijiet tagħhom minn pajjiżi b'dejn baxx.

- **Minkejja l-pożizzjonijiet kapitali mtejbin, is-settur bankarju qed iħabbat wiċċu ma' sfidi marbuta ma' nuqqas fil-profitabbiltà u ma' legat ta' dejn mitluf.**

[3] Ara, pereżempju: l-FMI, Fiscal Monitor, Ottubru 2016.

Filwaqt li l-banek ġeneralment tejbu l-proporzjon kapitali r-reżistenza tagħhom għax-xokkijiet, il-prospetti ta' profittabbiltà mnaqqsa jillimitaw l-abbiltà li jiżdied il-kapital ġdid fis-suq fl-isfond ta' rekwiżiti kapitali regolatorji ġodda. F'xi pajjiżi, il-pożizzjoni ta' self improduttiv inaqqas is-self u jżid ir-riskju ta' allokazzjoni ħażina ta' kapital.

- **Id-dinamika tal-prezzijiet tad-djar qed tibseb il-*momentum* u jistħoqqilha tiġi mmonitorjata f'xi pajjiżi.** Wara korrezzjonijiet qawwija 'l isfel matul ir-riċessjonijiet ta' wara l-kriżi, il-prezzijiet tad-djar bħalissa qed jiżdiedu f'bosta pajjiżi. Minkejja l-ambjent ta'rati baxxi ta' imgħax, id-dinamika tal-prezzijiet tad-djar tibqa' ferm taħt ir-rati ta' tkabbir irreġistrati matul is-snin 2000. F'xi pajjiżi, madankollu, id-dinamika qawwija fil-prezzijiet ġiet osservata f'kuntest ta' prezzijiet esaġerati u żieda netta tal-kreditu lill-unitajiet domestiċi, li jistħoqqilha monitoraġġ mill-qrib.

- **Is-swieq tax-xogħol qed ikomplu bl-irkupru tagħhom, iżda t-tbatija soċjali tippersisti f'xi pajjiżi.** Is-swieq tax-xogħol ilhom jitjiebu min-nofs l-2013, flimkien ma' tnaqqis fid-dispersjoni tar-rati tal-qgħad fl-Istati Membri kollha wara xejriet diverġenti kbar fis-snin preċedenti. Madankollu, għad hemm rati għoljin ħafna ta' qgħad u staġnar fl-introjtu mix-xogħol f'għadd ta' pajjiżi tal-UE, u t-tbatija soċjali qed tippersisti, speċjalment fil-pajjiżi l-aktar milquta mill-kriżijiet finanzjarji u tad-dejn.

**Jixraq li l-kwistjonijiet ta' riekwilibriju fiż-Żona tal-Euro jkomplu jingħataw attenzjoni partikolari.** Is-surplus fil-kont kurrenti taż-Żona tal-Euro kompla jiżdied għal 3,3 % tal-PDG fl-2015 u huwa mbassar li jilħaq it-3,7 % tal-PDG fl-2016, u dan jirrifletti domanda aggregata aktar dgħajfa mill-produzzjoni. L-irkupru dgħajjef tad-domanda aggregata fiż-Żona tal-Euro rifed l-ambjent ta' inflazzjoni baxxa u l-attività ekonomika debboli persistenti. Il-pożizzjonijiet tal-kontijiet kurrenti mtejba ta' pajjiżi debituri netti jridu jiġu sostnuti sabiex jiġi żgurat tnaqqis fl-istokk ta' obbligazzjonijiet esterni netti. Min-naħa l-oħra, xi pajjiżi kredituri netti għad iridu jibdew jikkoreġu l-iżbilanċi tal-flussi esterni.

**B'mod ġenerali, minkejja t-titjib kontinwu, l-istess sorsi jew riskji identifikati fl-AMR għall-2016 huma kkonfermati.** Ikompli l-progress fl-indirizzar tal-iżbilanċi esterni fost il-pajjiżi debituri netti, madankollu il-proċess ta' riekwilibriju għadu irregolari. L-iżbilanċi tal-istokkijiet interni qed jiġu aġġustati bil-mod fl-ambjent ta' tkabbir nominali baxx, u l-progress huwa irregolari. Is-settur bankarju jagħti xhieda ta' prospetti bi profittabbiltà mnaqqsa u wirt ta' self improduttiv f'xi pajjiżi. F'xi pajjiżi, sinjali ta' tisħin żejjed possibbli fis-swieq tad-djar u s-swieq tax-xogħol jistħoqqilhom il-monitoraġġ.

**Fl-IDRs, se jsiru analiżijiet iktar dettaljati u kumplessivi għall-Istati Membri mmarkati mill-AMR.**. Bħalma ġara fiċ-ċiklu preċedenti, l-IDRs se jiġu inklużi fir-rapporti tal-pajjiżi, li jipprovdu l-analiżi tas-servizzi tal-Kummissjoni fir-rigward tal-isfidi ekonomiċi u soċjali fl-Istati Membri. Din l-analiżi mbagħad tinforma lir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (country specific recommendations, CSRs) tas-semestru Ewropew. Sabiex jitħejjew l-IDRs, il-Kummissjoni se tibbaża l-analiżi tagħha fuq sett għani ta' *data* u informazzjoni. Se jitqiesu l-istatistiki pertinenti kollha, id-dejta rilevanti kollha, il-fatti materjali kollha. Kif stabbilit mil-leġiżlazzjoni, huwa fuq il-bażi tal-IDRs li l-Kummissjoni tikkonkludi jekk jeżistux żbilanċi jew żbilanċi eċċessivi, u sussegwentement tħejji r-rakkomandazzjonijiet ta' politika għal kull

Stat Membru[4]. Pajjiżi li għalihom żbilanċi jew żbilanċi eċċessivi ġew identifikati fiċ-ċiklu tal-MIP preċedenti issa huma kollha suġġetti għal monitoraġġ speċifiku, adattat skont il-gravità tal-isfidi sottostanti (Kaxxa 1)[5].

**Kaxxa 1: L-applikazzjoni tal-MIP: l-iżviluppi ewlenin mill-2015**

***Il-kategorizzazzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi***

Il-kategorizzazzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ġiet simplifikata u saret stabbli matul iċ-ċiklu preċedenti, kif indikat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' April 2016 dwar is-Semestru Ewropew u f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Ottubru 2015 "*Dwar passi lejn l-Ikkompletar tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja*". Is-simplifikazzjoni naqqset l-għadd ta' kategoriji possibbli minn sitta għal erbgħa (ebda żbilanċi; żbilanċi; żbilanċi eċċessivi u żbilanċi eċċessivi b'azzjoni korrettiva). Fost id-19-il pajjiż li għandhom jgħaddu minn IDR fl-2016, sitta nstabu li ma jesperjenzaw l-ebda żbilanċi (l-Awstrija, il-Belġju, l-Estonja, ir-Renju Unit, ir-Rumanija u l-Ungerija), seba' nstabu li kienu qed jesperjenzaw żbilanċi (il-Finlandja, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Iżvezja, in-Netherlands, is-Slovenja, u Spanja ) u sitta nstabu li kienu qed jesperjenzaw żbilanċi eċċessivi (il-Bulgarija, Ċipru, Franza, l-Italja, il-Kroazja, u l-Portugall).

***Monitoraġġ speċifiku***

Il-monitoraġġ speċifiku għandu l-għan li jsaħħaħ il-monitoraġġ kontinwu tal-politiki meħuda fil-kuntest tal-MIP. Huwa ma jissostitwixxix il-monitoraġġ kumplessiv tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tar-riforma b'reazzjoni għal rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li hija ppreżentata fir-rapporti dwar il-pajjiżi, iżda jsaħħaħ il-bażi għal tali valutazzjoni.

Il-monitoraġġ speċifiku ġie implimentat għall-ewwel darba fl-2013 bħala segwitu għat-tisħiħ tal-impenji ta' politika meħuda minn Spanja u mis-Slovenja wara li kienu ġew identifikati bi żbilanċi eċċessivi. Dan kien jikkonsisti minn żewġ missjonijiet segwiti minn rapporti, fil-ħarifa u fix-xitwa, diskussi fil-kumitati tal-Kunsill li jħejju l-ECOFIN (KPE/KEF). Billi l-esperjenza ma' dawn iż-żewġ pajjiżi hija waħda pożittiva, il-Kummissjoni fl-2014 estendiet il-monitoraġġ speċifiku għall-pajjiżi kollha bi żbilanċi eċċessivi u għal pajjiżi taż-Żona tal-Euro magħżula bi żbilanċi ta' rilevanza sistemika. Fl-2016, bl-armonizzazzjoni tal-kategoriji tal-MIP, il-monitoraġġ speċifiku ġie estiż għall-pajjiżi kollha bi żbilanċi jew bi żbilanċi eċċessivi, u l-monitoraġġ sar biss fil-ħarifa, u ġie mmodulat fuq il-bażi tal-ambitu tal-isfidi u s-severità tal-iżbilanċi. Addattamenti ulterjuri fl-implimentazzjoni ta' monitoraġġ speċifiku jista' jseħħ jekk ikun meħtieġ fuq il-bażi tal-esperjenza akkumulata.

**Hemm bżonn li jsiru IDRs għall-pajjiżi identifikati bi żbilanċi jew żbilanċi eċċessivi fir-rawd tal-IDRs preċedenti[6].** IDR hija għal darb'oħra meħtieġa biex tivvaluta jekk l-iżbilanċi eċċessivi eżistenti jew l-iżbilanċi humiex qed jonqsu, jippersistu jew jaggravaw, filwaqt li tingħata l-attenzjoni mistħoqqa għall-kontribuzzjoni tal-politiki implimentati minn dawn l-

---

4 Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

5 Ara *"Is-Semestru Ewropew 2016: Valutazzjoni tal-progress fuq ir-riformi strutturali, il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi, u r-riżultati tar-rieżamijiet fil-fond skont ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011*" - COM(2016) 95 final/2 -, 7.4.2016.

6 Ara *"Is-Semestru Ewropew 2016: Valutazzjoni tal-progress fuq ir-riformi strutturali, il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi, u r-riżultati tar-rieżamijiet fil-fond skont ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011*" - COM(2016) 95 final/2 -, 7.4.2016. Għas-sett sħiħ tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, adottati mill-Kunsill, inklużi dawk li huma rilevanti għall-MIP, ara l-ĠU C 299, 18.8.2016.

Istati Membri sabiex jingħelbu l-iżbilanċi. L-Istati Membri kkonċernati huma **l-Bulgarija, Ċipru, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Italja, il-Kroazja, in-Netherlands, il-Portugall, is-Slovenja, Spanja** u **l-Iżvezja**.

**Fuq il-bażi tal-qari ekonomiku tat-tabella ta' valutazzjoni, f'dan l-istadju l-Kummissjoni mhux se twettaq aktar analiżijiet fil-kuntest tal-MIP għall-Istati Membri l-oħra.** B'mod partikolari, il-pajjiżi li ħarġu mis-sorveljanza tal-MIP fl-2016 (il-Belġju, ir-Renju Unit, ir-Rumanija u l-Ungerija) ma jindikawx l-eżistenza ta' riskji addizzjonali li jeħtieġu analiżi f'IDR fl-2017 meta mqabbla mas-sena l-oħra. Għadd ta' pajjiżi li ma ġewx analizzati dan l-aħħar f'l-IDRs juru dinamika kontinwa fil-prezzijiet tad-djar (id-Danimarka, il-Lussemburgu) u fl-ispejjeż tax-xogħol (l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja) u li jixraq li jiġu mmonitorjati mill-qrib iżda ma jeħtiġux analiżi tal-vulnerabbilitajiet u r-riskji għall-ekonomija kollha f'IDR. Fil-każ tal-Greċja, is-sorveljanza tal-iżbilanċi u l-monitoraġġ tal-miżuri korrettivi se jkomplu jsiru fil-kuntest tal-programm ta' assistenza finanzjarja. B'mod ġenerali, ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija għalhekk jitlob it-tħejjija tal-IDRs għal 13-il Stat Membru meta mqabbel ma' 19 fiċ-ċiklu preċedenti. L-ebda wieħed mill-pajjiżi li ma kinux suġġetti għal IDRs fiċ-ċiklu preċedenti mhu se jkun suġġett għal dan fl-2017.

## 2. L-IŻBILANĊI, IR-RISKJI U L-AĠĠUSTAMENT: L-IŻVILUPPI EWLENIN BEJN IL-PAJJIŻI

**Ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija jibni fuq qari ekonomiku tat-tabella ta' valutazzjoni tal-indikaturi.** It-tabella ta' valutazzjoni tal-AMR ta' indikaturi u livelli limiti indikattivi tipprovdi tagħmir għall-iffiltrar biex tinstab evidenza *prima facie* ta' riskji potenzjali u vulnerabbiltajiet li jistħoqqilhom aktar investigazzjoni. It-tabella ta' valutazzjoni tinkludi firxa ta' indikaturi u livelli limiti ta' referenza fir-rigward ta' għadd ta' oqsma, inklużi pożizzjonijiet esterni, il-kompetittività, id-dejn privat, is-swieq tad-djar, is-settur bankarju, l-impjiegi. Hija tibbaża ruħha fuq dejta ex-post sabiex jiġi żgurat li jkun hemm stabbiltà u konsistenza bejn il-pajjiżi. Għalhekk, it-tabella ta' valutazzjoni użata għal dan ir-rapport tirrifletti *data* sal-2015. Dejta aktar riċenti, flimkien ma' sett ta' indikaturi awżiljarji, jiġu madankollu rieżaminati fil-qari ekonomiku tal-indikaturi. Il-valuri tat-tabella ta' valutazzjoni ma jinqrawx b'mod mekkaniku, iżda huma suġġetti għal qari ekonomiku li jippermetti l-kunsiderazzjoni tal-kwistjonijiet speċifiċi għall-pajjiż u l-kunsiderazzjonijiet kuntestwali[7].

**L-evoluzzjoni tal-indikaturi tat-tabella ta' valutazzjoni tirrifletti l-proċess ta' aġġustament gradwali kif ukoll l-iżbilanċi u l-vulnerabbiltajiet li jifdal.** Il-korrezzjoni ta' żbilanċi potenzjali tal-kontijiet kurrenti hija evidenti mill-evoluzzjoni tal-għadd ta' valuri lil hinn mil-livell limitu fuq il-kont kurrenti varjabbli fit-tabella ta' valutazzjoni tal-AMR (Graff 1). Filwaqt li l-indikatur tal-kont kurrenti kien ogħla mil-livell limitu minħabba defiċit għal 14-il pajjiż, u minħabba surplus għal żewġ (2) pajjiżi fl-2009, dan kien il-każ biss għal ħames (5) pajjiżi fl-2015, li tlieta minnhom kienu minħabba surplus. Fid-dawl tat-tkomplija tal-produzzjoni u tat-tkabbir tal-esportazzjoni fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE, l-għadd ta' qari ogħla mil-livell limitu dwar il-qgħad, indikaturi soċjali oħra u ishma tas-suq tal-

---

[7] Il-qari mekkaniku tat-tabella ta' valutazzjoni huwa eskluż skont ir-Regolament dwar l-MIP (ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011). Rigward ir-raġunament wara l-kostruzzjoni tat-tabella ta' valutazzjoni tal-AMR u l-qari tagħha ara "'*The Macroeconomic Imbalance Procedure. Rationale, process, application: a compendium*" (il-Kummissjoni Ewropea, 2016).

esportazzjoni qiegħed jonqos. Id-dinamika tal-prezzijiet reġgħet bdiet fi ftit pajjiżi f'kuntest ta' inflazzjoni ġeneralment baxxa, li tirriżulta f'għadd li qed jikber għalkemm għadu limitat, ta' valuri lil hinn mil-livell limitu għar-REER (real effective exchange rate) u l-prezzijiet reali tad-djar. Il-valuri li jaqbżu l-livell limitu huma numerużi u persistenti rigward l-iżbilanċi tal-istokkijiet. Dan huwa l-każ għal 15-il pajjiż f'dak li għandu x'jaqsam mal-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta fl-2015, (wieħed inqas mis-sena ta' qabel), u għal 17-il pajjiż fuq l-indikatur tad-dejn tal-gvern, (l-istess bħal fis-sena ta' qabel). Sa fejn huwa kkonċernat id-dejn privat, l-għadd ta' valuri li jaqbżu l-livell limitu baqa' stabbli għal 13.

*Graff 1:* **L-għadd ta' valuri lil hinn mil-livell limitu għal kull indikatur tat-tabella ta' valutazzjoni, 2013, 2014 u 2015.**




*Sors:* Eurostat.

**Id-deficits tal-kont kurrenti fl-imgħoddi nbidlu fil-biċċa l-kbira tagħhom f'surpluses jew f'pożizzjonijiet bilanċjati, filwaqt li surpluses kbar qed jippersistu.** Il-pajjiżi debituri netti

għamlu passi 'l quddiem biex jikkoreġu d-defiċits eċċessivi fil-kont kurrenti fil-konsegwenzi immedjati tal-kriżi (Graff 2). Wara waqfa qasira fl-2014, huma aġġustaw ulterjorment il-pożizzjoni tagħhom fl-2015, l-aktar minħabba t-tkabbir fl-esportazzjoni, iżda fi ftit każijiet (pereż. l-Italja) ukoll minħabba domanda domestika dgħajfa. B'konsegwenza ta' dan, huma biss Ċipru u r-Renju Unit li kellhom defiċits li jaqbżu l-livell limitu. B'kuntrast, is-surplus fid-Danimarka, il-Ġermanja u n-Netherlands kompla jaqbeż il-livell limitu. Is-surplus fil-kont kurrenti tal-Germanja li diġà huwa kbir kompla twessa' iktar għal 8,5 % tal-PDG fl-2015, wara żieda sinifikanti fl-2014 minħabba li s-setturi kollha tal-ekonomija komplew inaqqsu l-ingranaġġ, li kompla jaċċentwa aktar id-differenza bejn it-tfaddil pożittiv tal-pajjiż u l-iżbilanċ tal-investiment[8]. L-effetti tal-prezzijiet baxxi taż-żejt u tat-termini tal-kummerċ ukoll b'xi mod ikkontribwew biex ikompli jiżdied is-surplus fl-2015. Is-surplus tal-Ġermanja għadu kbir fuq bażi aġġustata ċiklikament (9,4 % tal-PDG), kif inhu l-każ għal 15-il Stat Membru ieħor li għandhom pożizzjonijiet attwali taħt dawk aġġustati ċiklikament. Barra minn hekk, in-Netherlands ukoll għadhom b'surplus fil-kont kurrenti, li madankollu naqas matul dawn l-aħħar sentejn. Fost il-pajjiżi kredituri netti, id-Danimarka, il-Ġermanja, Malta u n-Netherlands kellhom surpluses li kienu 5 punti perċentwali tal-PDG akbar minn dak li jista' jiġi spjegat b'fatturi fundamentali bħad-demografija jew l-intensità tal-manifattura. Fost il-pajjiżi debituri netti, huwa biss ir-Renju Unit li kellu defiċit li qabeż il-fundamentali bi proporzjonijiet simili, filwaqt li l-biċċa l-kbira ta' pajjiżi debituri netti kellhom pożizzjonijiet fil-kontijiet kurrenti li marru lil hinn mill-fundamentali wara l-aħħar riekwilibriju estern riċenti. B'mod ġenerali, il-korrezzjoni tal-iżbilanċi f'pajjiżi debituri netti u f'surpluses kontinwi fil-pajjiżi kredituri netti ewlenin tfisser li s-surplus fil-kont kurrenti taż-Żona tal-Euro żdied b'madwar 0,8 punti perċentwali oħra tal-PDG fl-2015 għal 3,3 % tal-PDG, meta mqabbel ma' kważi pożizzjoni bilanċjata fl-2009-2010 (Kaxxa 2).

*Graff 2:* **Bilanċi tal-kont kurrenti taż-Żona tal-Euro u tal-Istati Membri magħżula**




*Sors:* Kontijiet nazzjonali u t-tbassir tal-Kummissjoni Ewropea għall-ħarifa 2016 (AMECO).

8 Iċ-ċifri fil-kont kurrenti msemmija hawnhekk huma fuq il-bażi tal-kontijiet nazzjonali.

**Kaxxa 2: Id-dimensjoni taż-Żona tal-Euro tal-iżbilanċi makroekonomiċi**

**L-implikazzjonijiet wesgħin taż-Żona tal-Euro tal-iżbilanċi makroekonomiċi jistħoqqilhom analiżi bir-reqqa.** B'konformità mal-proposti li jinsabu fir-Rapport tat-22 ta' Ġunju 2015 "*L-ikkompletar tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja*" ta' Jean-Claude Juncker, Donald Tusk, Jeroen Dijsselbloem, Mario Draghi u Martin Schulz, u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Ottubru 2015 "*Dwar passi lejn l-ikkompletar tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja*", li jibdew mis-sena l-oħra l-AMR jinkludi analiżi sistematika tal-implikazzjonijiet tal-iżbilanċi tal-pajjiżi fiż-Żona tal-Euro u kif dawn l-implikazzjonijiet jirrikjedu approċċ ikkoordinat għar-reazzjonijiet politiċi.

**Is-surplus kbir fil-kont kurrenti taż-Żona tal-Euro qed ikompli jiżdied.** Il-bilanċ tal-kont kurrenti taż-Żona tal-Euro huwa l-akbar wieħed fid-dinja għal EUR 349 biljun fl-2015, jew 3,3 % tal-PDG taż-Żona tal-Euro[9]. Is-surplus taż-Żona tal-Euro akkumula fil-perjodu ta' wara l-kriżi minn defiċit ta' 0,7 % tal-PGD fl-2008. Il-livell attwali tiegħu ma jistax jiġi ġustifikati b'elementi fundamentali ekonomiċi: stimi empiriċi ta' norma għall-kont kurrenti għaż-Żona tal-Euro jindikaw li l-karatteristiċi fundamentali (inklużi l-maturazzjoni, l-introjtu relattiv *per capita*, eċċ.) jkunu jimplikaw surplus żgħir ta' madwar 0,3 % tal-PDG fl-2015[10]. Is-surplus taż-Żona tal-Euro huwa mistenni li jiżdied b' 0,4 punti perċentwali fl-2016, anki jekk il-prezzijiet taż-żejt għolew minn bażi baxxa sa mill-bidu tal-2016 u l-euro żdied f'termini effettivi. B'ħarsa 'l quddiem, is-surplus kbir u li qed jiżdied fil-kont kurrenti taż-Żona tal-Euro jista' jikkontribwixxi biex jagħmel pressjoni 'l fuq, fuq il-valur estern tal-euro.

**Is-surplus taż-Żona tal-Euro jirrifletti l-korrezzjoni ta' defiċits fil-kont kurrenti preċedenti u d-diżingranaġġ mifrux persistenti kif ukoll supluses persistenti kbar f'xi Stati Membri.**. Iċ-ċaqliq fil-pożizzjoni tal-kont kurrenti taż-Żona tal-Euro minnufih wara l-kriżi ħabat ma' korrezzjoni qawwija f'pajjiżi b'defiċits esterni kbar wara treġġigħ lura tal-flussi finanzjarji transfruntiera privati. Minn hemm 'il quddiem, id-dinamika tad-domanda domestika u l-importazzjonijiet baqgħu baxxi f'pajjiżi debituri netti. Korrezzjoni simetrika ta' wara l-kriżi ma seħħitx f'pajjiżi b'bilanċi pożittivi fil-kont kurrenti, u s-surpluses komplew jikbru f'pajjiżi bl-ikbar surpluses fil-valur, b'mod partikolari l-Ġermanja u n-Netherlands. Fl-2015, il-bilanċi pożittivi tal-Ġermanja u n-Netherlands kienu jirrappreżentaw rispettivament EUR 257 biljun u EUR 57 biljun tas-surplus taż-Żona tal-Euro. L-akbar flutwazzjoni ta' surplus fil-kont kurrenti taż-Żona tal-Euro hija msejsa fuq proċess ta' tnaqqis fl-ingranaġġ li jinvolvi s-setturi kollha tal-ekonomija sa mill-2009. It-titjib fil-pożizzjonijiet ta' tislif nett kien jikkonċerna l-aktar l-unitajiet domestiċi u l-korporazzjonijiet l-ewwel u qabel kollox, u s-settur tal-gvern wara, fid-dawl tal-ħtieġa li jiġu kkoreġuti l-pożizzjonijiet fiskali ddeterjorati bil-kbir.

**Għalkemm ħafna pajjiżi fiż-Żona tal-Euro resqu lejn pożizzjonijiet esterni qrib il-bilanċ jew is-surplus, ir-riekwilibriju fiż-Żona tal-Euro jeħtieġ li jitkompla.**. Ftit huma l-pajjiżi li għandhom

[9] Ċifra msejsa fuq il-kontijiet nazzjonali.

[10] Il-valur referenzjarju huwa derivat minn rigressjonijiet f'forma mnaqqsa li jaqbdu d-determinanti ewlenin tal-bilanċ tal-investiment bi tfaddil, inklużi determinati fundamentali (pereż. demografija, riżorsi), fatturi ta' politika u kundizzjonijiet finanzjarji globali. Il-metodoloġija tixbaħ l-approċċ tal-Valutazzjoni Esterna tal-Bilanc (External Balance Assessment, EBA) żviluppat mill-Fond Monetarju Internazzjonali (Phillips, S. *et al.*, 2013, "*The External Balance Assessment (EBA) Methodology*", Dokument ta' Ħidma tal-FMI, 13/272), mingħajr ma hemm interazzjonijiet għall-fattur varjabbli li jaqbad l-effetti tat-tixjiħ u varjabbli addizzjonali li jaqbdu s-sehem tal-manifattura b'valur miżjud.

defiċits fil-kont kurrenti konsiderevoli, iżda dan ma jfissirx li aktar progress f'termini ta' riekwilibriju fiż-Żona tal-Euro mhuwiex meħtieġ. Pajjiżi li kellhom defiċits kbar għal żmien twil għadhom ikkaratterizzati minn pożizzjonijiet ta' investimenti internazzjonali netti negattivi kbar li jirrappreżentaw vulnerabbiltajiet. L-istralċ ta' stokks kbar ta' obbligazzjonijiet jeħtieġ li l-bilanċi tal-kontijiet kurrenti jinżammu f'territorju pożittiv jew f'defiċits żgħar, li konsegwentament jimplika limitazzjonijiet għall-espansjoni tad-domanda domestika fil-pajjiżi debituri netti. Billi l-pożizzjonijiet kbar u negattivi ta' investiment internazzjonali nett huma ġeneralment abbinati ma' stokkijiet kbar ta' dejn privat jew tal-gvern, iż-żamma ta' pożizzjonijiet prudenti tal-kontijiet kurrenti f'pajjiżi debituri netti hija wkoll il-kontroparti ta' proċess ta' tnaqqis fl-ingranaġġ intern meħtieġ. Il-punt safejn il-proċess ta' diżingranaġġ fil-pajjiżi debituri netti jsir għad-detriment tal-prospetti ta' rkupru tagħhom jiddependi b'mod kruċjali fuq l-ambjent tat-tkabbir u fuq ir-riskji tad-deflazzjoni tad-dejn, fuq l-ispazju għal aktar qligħ fil-kompetittività u fuq dinamiki ta' domanda fil-pajjiżi b'bilanċ favorevoli ta' kreditu u f'pajjiżi barra ż-Żona tal-Euro, f'kuntest ta' tnaqqis fl-intensità tal-kummerċ fir-rigward tat-tkabbir.

**Il-persistenza tas-surplus kbir fil-kont kurrenti taż-Żona tal-Euro tirrifletti d-dinamiki tad-domanda aggregata li għadhom lura meta mqabbla mal-attività ekonomika.**. Id-domanda domestika reali fiż-Żona tal-Euro hija mistenni li tirkupra għal-livelli ta' qabel il-kriżi ekonomika din is-sena biss (Graff 3). Din it-tendenza fit-tul fid-domanda domestika li tirkupra aktar bil-mod milli fil-produzzjoni rriżultat kemm mill-investiment kif ukoll mill-konsum, u hija riflessa b'ċifri ta' differenza fil-produzzjoni li baqgħu f'territorju negattiv mill-2009 u li għadhom taħt il-1 %. Dan il-grad ta' laxkezza persistenti jirfed il-livelli attwali storikament baxxi tal-inflazzjoni bażi, li jibqgħu taħt il-mira tal-awtoritajiet monetarji u joħolqu ambjent diffiċli għad-diżingranaġġ u għar-riekwilibriju taż-Żona tal-Euro. Barra minn hekk, is-surplus kbir u li qed jiżdied fil-kont kurrenti taż-Żona tal-Euro jista' jikkontribwixxi għall-persistenza ta' inflazzjoni baxxa permezz tal-kanal tar-rata tal-kambju.

**Is-settur finanzjarju qed jiffaċċja għadd ta' sfidi.** Il-bażi kapitali tal-banek fiż-Żona tal-Euro tjiebet, bħala medja, iżda għad hemm differenzi notevoli. Il-profitabbiltà tal-banek tinsab taħt il-livelli ta' qabel il-kriżi u hija mistennija li tkompli tonqos billi l-ambjent ta' inflazzjoni baxxa qed jiġi dejjem iktar rifless fil-marġini mnaqqsa u fid-dħul mill-assi, fl-overbanking u fil-persistenza ta' mudelli ta' negozju skaduti li wkoll huma fatturi kontributorji. F'xi pajjiżi, il-livelli għolja ta' kompost ta' self improduttiv li jnaqqas il-marġni tal-profitt, u s-soluzzjoni ta' stokks kbar ta' assi improduttivi jistgħu jdgħajfu l-bażi ta' kapital li diġà qiegħda baxxa għal għadd ta' banek. Il-kombinazzjoni ta' inflazzjoni baxxa, stokks kbar ta' self improduttiv f'xi pajjiżi u l-bafers kapitali regolatorji li għad iridu jinbnew, tista' tillimita l-lok għall-espansjoni tal-kreditu.

*Graff 3:* **Il-produzzjoni taż-Żona tal-Euro, id-domanda domestika, il-bilanċ kummerċjali u l-inflazzjoni bażi**




*Sors:* Kontijiet nazzjonali u t-tbassir tal-Kummissjoni Ewropea għall-ħarifa 2016 (AMECO).

**Dinamiki tad-domanda aktar qawwija kif ukoll rkupru aktar robust fit-tkabbir nominali għandhom jgħinu fl-aċċellerazzjoni tal-proċess ta' tnaqqis fl-ingranaġġ u r-riekwilibriju.** Ir-rati ta' investiment persistentement taħt il-livelli ta' qabel il-kriżi jistgħu jitqiesu bħala manifestazzjoni possibbli ta' deterjorament fl-aspettativi li jikkonċernaw id-dħul reali futur fuq il-kapital (l-ipoteżi tal-"istaġnar ekonomiku fit-tul"). B'hekk, l-investiment fqir persistenti mhuwiex sinjal tajjeb għall-prospetti ta'tkabbir fil-produttività. F'dan il-kuntest, iż-Żona tal-Euro għandha riskju li tinqabad fi spiral awtosuffiċjenti ta' deterjorament, investiment baxx u aspettattivi ta' tkabbir baxx fil-produttività.[11] Azzjoni koordinata biex jiġu mmobilizzati r-riżorsi għal investiment pubbliku u privat flimkien ma' appoġġ lill-irkupru tad-domanda jistgħu jkissru dan iċ-ċirku vizzjuż. Aktar appoġġ attiv għad-domanda domestika fil-pajjiżi b'surplus jista' jikkumplimenta l-azzjoni tal-awtoritajiet monetarji u jkun konsistenti ma' objettivi ta' riekwilibriju. Min-naħa l-oħra, il-kundizzjonijiet strutturali li jiffavorixxu l-investiment, it-tkabbir tal-produttività u l-kisbiet tal-kompetittività, b'mod partikolari f'pajjiżi debituri netti, ikunu ta' għajnuna għal korrezzjoni fit-tul tal-iżbilanċi u jgħinu biex itaffu l-piż tad-dejn.

[11] FMI, World Economic Outlook, Ottubru 2016, Kap. 1.

Graff 4: **Pożizzjonijiet tal-Investiment Internazzjonali Nett u Dejn Estern Nett fl-2015**




*Sors:* Eurostat (BPM6, ESA10), Il-kalkoli tas-servizzi tal-Kummissjoni.

**L-istokkijiet tal-obligazzjonijiet esterni netti ġeneralment qed jonqsu, għalkemm f'ħafna każijiet b'pass kajman.** Bosta pajjiżi debituri netti għadhom vulnerabbli minħabba pożizzjonijiet ta' investiment interazzjonali netti negattivi, b'valuri ta' tabelli ta' valutazzjoni ogħla mil-livell limitu fi 15-il Stat Membru fl-2015, pajjiż wieħed biss inqas milli fl-2014 (ir-Repubblika Ċeka). Madankollu sar xi progress dan l-aħħar, prinċipalment bħala riżultat ta' bilanċi pożittivi tal-kont kurrenti, u permezz ta' impatt ta' spiss żgħir ta' tkabbir nominali tal-PDG. Pożizzjonijiet ta' investiment interazzjonali netti negattivi huma l-ikbar f'Ċipru, il-Greċja, l-Irlanda, il-Portugall u Spanja, u ferm ogħla mil-livell limitu tat-tabella ta' valutazzjoni, fil-Bulgarija, il-Kroazja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Polonja u s-Slovakkja (Graff 4). Ir-riskji u l-vulnerabbiltajiet marbuta ma' pożizzjonijiet negattivi jvarjaw b'mod konsiderevoli, madankollu, minħabba d-diversità fil-kompożizzjoni ta' assi u passivi esterni. B'mod partikolari, l-passivi marbuta mal-investiment dirett barrani (b'inċidenza għolja, pereż. f'ħafna pajjiżi tal-Ewropa tal-Lvant u fl-Irlanda) u l-passivi ta' ekwità (proporzjon sinifikanti ħafna fil-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Irlanda u r-Rumanija) jirrappreżentaw riskji aktar baxxi.[12] Il-bilanċi tal-kont kurrenti meħtieġa għal pożizzjonijiet tal-investiment internazzjonali netti biex jikkonverġu b'mod rapidu (fi żmien 10 snin) lejn il-livell limitu ta' 35 % tal-PDG huma ogħla mill-bilanċi tal-2015 għall-biċċa l-kbira tal-pajjiżi debituri netti (Graff 5). Il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi kredituri netti (l-Awstrija, il-Belġju, il-Ġermanja, l-Iżvezja, Malta u n-Netherlands) komplew ikabbru l-pożizzjoni pożittiva ta' investiment internazzjonali netta matul l-aħħar ftit snin. Filwaqt li r-riskji assoċjati ma' ħażniet kbar u li qed jikbru ta' assi barranin netti ma jistgħux jiġu assimilati ma' kwistjonijiet esterni ta' sostenibbiltà, l-akkumulazzjoni persistenti tar-riskji netti tal-krudituri ma għandhiex tiġi injorata, prinċipalment minħabba r-rikji ta' valuazzjoni li pożizzjonijiet bħal dawn joħolqu.

[12] Il-flussi u l-obbligazzjonijiet ta' investiment dirett barrani huma anqas suxxettibbli għal waqfien jew ħruġ f'daqqa minn forom oħra ta' flussi jew obbligazzjonijiet finanzjarji, u l-obbligazzjonijiet ta' ekwità jinvolvu riskji aktar baxxi minn obbligi ta' dejn minħabba bidliet potenzjalment kbar fil-valwazzjoni fi żminijiet ta' kriżi.

*Graff 5:* **Bilanċi aġġustati ċiklikament tal-kont kurrenti u bilanċi meħtieġa sabiex jistabbilizzaw jew inaqqsu l-passivi esterni, 2015**




*Sors:* Kalkoli tas-servizzi tal-Kummissjoni.
*Nota:* Bilanċi aġġustati ċiklikament jiġu kkalkolati permezz tal-istimi tal-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni sottostanti għat-tbassir tal-Kummissjoni Ewropea għall-ħarifa 2016. Il-bilanċi tal-kont kurrenti meħtieġa sabiex jiġu stabbilizzati jew jitnaqqsu l-passivi esterni netti huma bbażati fuq l-ipoteżijiet li ġejjin: il-proġettazzjonijiet nominali tal-PDG jirriżultaw mit-tbassir tal-Kummissjoni Ewropea għall-ħarifa 2016 (sal-2018), u l-metodoloġija ta' proġettazzjonijiet tal-Kummissjoni T + 10 lil hinn minn dan; l-effetti ta' valutazzjoni huma konvenzjonalment meqjusa li huma żero f'dak il-perjodu ta' proġettazzjoni, li jikkorrespondi għal proġettazzjoni imparzjali għall-prezzijiet tal-assi; il-bilanċi tal-kont kapitali huma preżunti li jibqgħu kostanti bħala perċentwali tal-PDG, f'livell li jikkorrispondi mal-medjana matul l-2015 u l-proġettazzjonijiet għall-2016-2018.

**It-titjib fil-kompetittività tal-ispejjeż fil-pajjiżi debituri netti jibqa' b'mod ġenerali jappoġġa r-riekwilibriju għalkemm naqas dan l-aħħar.** Il-biċċa l-kbira tal-aġġustament fil-kostijiet ta' kull unità lavorattiva fil-pajjiżi li ffaċċjaw żbilanċi esterni u kwistjonijiet relatati mal-kompetittività seħħ relattivament kmieni fil-perjodu ta' wara l-kriżi. L-ambjent attwali ta' inflazzjoni baxxa, bi ftit varjazzjoni fl-iżviluppi tal-prezzijiet bejn pajjiż u ieħor, jillimita l-ispazju għal aktar aġġustamenti fi prezzijiet relattivi. Ma tantx kien hemm tibdil fil-kostijiet ta' kull unità lavorattiva fl-2014 u 2015 u ma jvarjawx ħafna minn pajjiż għal ieħor, bi ftit eċċezzjonijiet (Graff 6). Fl-2015, il-kost nominali ta' kull unità lavorattiva (bidliet fuq tliet (3) snin) qabeż il-livell limitu fit-tliet pajjiżi Baltiċi u l-Bulgarija biss, hekk kif iż-żieda fil-pagi qabżet iż-żieda fil-produttività. Il-kostijiet ta' kull unità lavorattiva żdiedu relattivament aktar malajr fil-pajjiżi kredituri netti – fosthom l-Awstrija, id-Danimarka, il-Ġermanja u l-Isvezja – milli fil-parti l-kbira tal-pajjiżi l-oħra, għalkemm mhux b'mod sinifikanti aktar milli fi Franza u fl-Italja. Fost l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro, il-konverġenza tal-inflazzjoni lejn rati baxxi timplika li rati tal-kambju effettivi reali huma mmexxija prinċipalment minn bidliet fir-rata tal-kambju tal-euro u l-importanza relattiva ta' pajjiżi mhux fiż-Żona tal-Euro bħala sħab kummerċjali. Ċipru, Franza, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Portugall u Spanja rreġistraw l-

akbar deprezzament fir-rata tal-kambju effettiva reali fl-2015, b'valuri ogħla mil-livell limitu f'Ċipru, il-Greċja u l-Irlanda. Dan l-indikatur ukoll qabeż il-livell limitu minħabba l-apprezzamenti fl-Estonja, filwaqt li l-pressjonijiet tal-apprezzament huma evidenti wkoll fil-Latvja u l-Litwanja. Barra miż-Żona tal-Euro, l-Iżvezja, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija rreġistraw l-akbar deprezzamenti, filwaqt li l-pressjonijiet tal-apprezzament immaterjalizzaw fl-2015 fir-Renju Unit u fir-Rumanija.

*Graff 6:* **It-tkabbir fil-kost ta' kull unità lavorattiva u d-dekompożizzjoni ta' fatturi, 2015**




*Sors:* AMECO u Eurostat. Kalkoli tas-servizzi tal-Kummissjoni
*Nota:* Id-dekompożizzjoni hija bbażata fuq ir-rendikont standard tat-tkabbir tal-kost ta' kull unità lavorattiva fl-inflazzjoni, il-kumpensi reali fis-siegħa u l-produttività tax-xogħol, din tal-aħħar terġa' tinqasam fil-kontribuzzjoni ta' sigħat ta' xogħol maħduma, il-produttività totali tal-fatturi u l-akkumulazzjoni tal-kapital permezz ta' qafas ta' kontabbiltà ta' tkabbir standard.

**Il-bidliet fl-ishma mis-suq tal-esportazzjoni juru stampa mħallta.** Fl-2015, fl-isfond ta' dinamika ta' kummerċ globali dgħajjef, il-valuri tat-tabella ta' valutazzjoni ma baqgħux ogħla mil-livell limitu fil-Kroazja, fi Franza, fil-Ġermanja, fl-Irlanda, fis-Slovenja, fi Spanja, u fir-Renju Unit iżda baqgħu ogħla fi 11-il pajjiż. Fil-maġġoranza ta' dawn il-każijiet tal-aħħar, ir-telf fl-ishma tas-suq ta' ħames (5) snin naqas ukoll. Madankollu, ħafna mit-titjib madwar l-Istati Membri huwa xprunat minn effett bażi. L-indikatur tat-tabella ta' valutazzjoni attwalment jinkludi t-telf kbir tas-sehem mis-suq li affettwa kważi lill-Istati Membri kollha fl-2010, biex b'hekk tnaqqas mekkanikament it-telf kumulattiv f'ishma (il-Graff 7). Fuq bażi ta' sena wara sena, l-evoluzzjoni tal-ishma mis-suq tal-esportazzjoni fl-2013, l-2014 u l-2015 tirrifletti wkoll it-tendenzi differenzjati tal-kummerċ fl-UE u barra mill-UE. Il-kummerċ intra-UE żdied b'pass iktar mgħaġġel mill-kummerċ barra l-UE fl-2013 u l-2014 meta l-kummerċ globali naqas, u dan jispjega prestazzjoni aħjar f'dawn is-sentejn. Billi l-kummerċ barra l-UE

rkupra fl-2015, l-evoluzzjoni ta' sena wara sena fl-ishma mis-suq tal-esportazzjoni tal-Istati Membri reġgħet ġiet affettwata b'mod negattiv.

*Graff 7*: **Bidla fuq ħames (5) snin fl-ishma mis-suq tal-esportazzjoni, 2015**




*Sors:* Eurostat, Il-kalkoli tas-servizzi tal-Kummissjoni
*Nota:* Id-dekompożizzjoni tiddependi fuq il-metodoloġija "shift-share". Il-partijiet strixxati jirrappreżentaw il-kontribuzzjoni tad-dinamiċi tas-sehem mis-suq li jirriżultaw minn bidliet fl-esponiment għal suq partikolari; Il-partijiet ikkuluriti jirrappreżentaw il-kontribuzzjoni tad-dinamiċi tas-sehem mis-suq li jirriżultaw minn bidliet fis-sehem mis-suq f'suq partikolari. Il-kalkoli jużaw id-*data* BPM6 ħlief għal BG u FI fejn l-esportazzjonijiet lejn l-UE huma derivati mill-kontijiet nazzjonali; id-*data* parzjalment mhux disponibbli għal ES u HR.

**Il-pożizzjoni ta' dejn eċċessiv fis-settur privat qed tkompli taffettwa ħafna pajjiżi.** Il-valuri tat-tabella ta' valutazzjoni qabżu l-livell limitu fi 13-il pajjiż fl-2015, li kienu kollha f'din il-pożizzjoni fl-2009, ħlief għal Franza fejn dan kien il-każ fl-2011. Ċipru, l-Irlanda u l-Lussemburgu għandhom l-ogħla livell ta' dejn fis-settur privat, għalkemm fatturi speċjali marbuta ma' kumpaniji multinazzjonali huma involuti. Id-Danimarka, l-Iżvezja, in-Netherlands, u l-Portugall għandhom l-ogħla valur tal-indikatur tat-tabella ta' valutazzjoni li jmiss. Il-fatturi li jirfdu d-dejn għoli tas-settur privat ivarjaw b'mod sinifikanti bejn il-pajjiżi. Fil-Belġju, f'Ċipru, fil-Finlandja, fl-Irlanda, fil-Lussemburgu, fin-Netherlands, fil-Portugall u fl-Iżvezja, kemm l-unitajiet domestiċi kif ukoll il-korporazzjonijiet mhux finanzjarji (NFCs - non-financial corporations) għandhom livelli ta' dejn ogħla mill-medja tal-UE minħabba ħafna fatturi, inkluża l-estensjoni faċli għall-kreditu fil-perjodu ta' qabel il-kriżi għal tranżazzjonijiet ta' proprjetà immobbli (il-Graff 8a u l-Graff 8b). Fid-Danimarka u fir-Renju Unit, il-livell għoli ta' dejn ġej prinċipalment mill-ingranaġġ finanzjarju għoli tal-unitajiet domestiċi. Fi Franza u fi Spanja, il-livelli għoljin ta' dejn privat ġejjin kemm mill-unitajiet domestiċi kif ukoll mill-NFCs, billi l-ebda wieħed mil-livelli tad-dejn fiż-żewġ setturi ma jispikka daqstant meta mqabbel mal-medji tal-UE. Il-varjabbiltà fil-livelli ta' dejn privat fil-pajjiżi kollha tirrifletti sa ċertu punt ukoll id-differenzi fl-iżvilupp finanzjarju, kif muri f'differenzi kbar fl-istokk ta' assi finanzjarji miżmuma mis-settur privat, notevolment l-unitajiet domestiċi. Stokks kbar ta' assi ta' unitajiet domestiċi, b'mod speċjali, jinsabu fil-

Belġju, id-Danimarka, l-Italja, l-Iżvezja, Malta, in-Netherlands u r-Renju Unit. Il-pożizzjoni ta' dejn ogħli fis-settur privat tiġġenera għadd ta' vulnerabbiltajiet, speċjalment f'ambjent ta' tkabbir baxx u ta' inflazzjoni baxxa, li jrendu d-diżingranaġġ diffiċli. B'mod partikolari, dan iżid l-impatt ta' xokkijiet potenzjali fuq l-unitajiet domestiċi u / jew fuq l-NFCs, b'riperkussjonijiet possibbli fuq is-settur bankarju. Ir-riskji huma amplifikati iktar f'dawk il-pajjiżi (inklużi l-Kroazja, l-Ungerija, il-Polonja u r-Rumanija) li fihom ishma kbar ta' dejn domestiku huma denominati f'muniti barranin.

*Graff 8a:* **Id-dejn tal-unitajiet domestiċi konsolidat**




*Sors:* Eurostat, Il-kalkoli tas-servizzi tal-Kummissjoni

*Graff 8b:* **Dejn konsolidat tal-NFCs**




*Sors:* Eurostat, Il-kalkoli tas-servizzi tal-Kummissjoni

**Id-diżingranaġġ għadu għaddej iżda huwa bil-mod u b'mod irregolari.** Fost il-familji, id-diżingranaġġ attiv jew passiv – jiġifieri t-tnaqqis fil-proporzjonijiet tad-dejn minn tal-inqas parzjalment, minħabba flussi ta' kreditu nett negattiv jew tnaqqis fil-proporzjonijiet tad-dejn permezz ta' żieda fil-PDG, iżda bi flussi ta' kreditu nett pożittiv – qed ikompli f'ħafna pajjiżi, għalkemm b'ritmi differenti u b'eċċezzjonijiet notevoli. L-aħħar żviluppi jindikaw li l-unitajiet domestiċi f'Ċipru, fil-Greċja, fl-Irlanda, fil-Kroazja, fil-Latvja, fil-Portugall, fi Spanja u fl-Ungerija qed iwarrbu l-ingranaġġ finanzjarju u jnaqqsu t-teħid ta' self nett tagħhom (il-Graff 9a).[13] Fid-Danimarka u n-Netherlands, id-diżingranaġġ ikompli javvanza iżda taħt forma passiva (permezz tat-tkabbir tal-PDG nominali). F'dan tal-aħħar, il-flussi ta' kreditu nett saru ftit pożittivi wara sentejn ta' reċessjoni. B'kuntrast, il-proporzjonijiet tad-dejn ikomplu jiżdiedu minn livelli diġà għoljin fl-Iżvezja u fir-Renju Unit, fejn il-flussi tal-kreditu nett lill-unitajiet domestiċi huma pożittivi minħabba dinamika qawwija u persistenti

13 It-test jirreferi għall-iżviluppi sal-2016Q1, li jistgħu jkunu xi ftit differenti minn dak li hu ssuġġerit fuq il-bażi ta' indikaturi tat-tabella ta' valutazzjoni, li jirrelataw mal-2015.

fil-prezzijiet tad-djar. Min-naħa l-oħra, id-diżingranaġġ kompla javvanza f'għadd ta' pajjiżi li fihom il-pożizzjoni tad-dejn tal-unitajiet domestiċi hija l-inqas għolja (il-Graff 10a). Dan huwa l-każ fl-Awstrija, fil-Ġermanja, fl-Italja, fis-Slovenja u f'xi Stati Membri li mhumiex fiż-Żona tal-Euro. L-aħħar żviluppi jindikaw ukoll li l-NFCs f'għadd ta' pajjiżi, inklużi fil-Bulgarija, fid-Danimarka, fl-Italja, fin-Netherlands, fil-Portugall, fir-Renju Unit, fis-Slovenja u fi Spanja qed inaqqsu fl-ingranaġġ b'mod attiv (il-Graff 9b). F'pajjiżi oħra, prinċipalment fl-Awstrija u l-Ġermanja, l-NFCs mhumiex ikkonfrontati bi kwistjonijiet relatati mal-pożizzjoni ta' dejn tagħhom iżda għadhom qed inaqqsu fl-ingranaġġ, inkluż minħabba investiment baxx u tkabbir fil-kreditu. B'kuntrast ma' dan, setturi tal-NFC b'livell għoli ta' dejn, f'uħud mill-pajjiżi, qed iżidu l-ingranaġġ tagħhom, inkluż f'xi każijiet minħabba flussi ta' kreditu pożittivi. Dan huwa l-każ prinċipalment fil-Belġju, fil-Finlandja u fl-Irlanda (minkejja li f'dan tal-aħħar hemm fatturi speċjali involuti, relatati mal-operazzjonijiet ta' kumpaniji multinazzjonali).

*Graff 9 a:* **Xprunaturi ta' diżingranaġġ f'dak li għandu x'jaqsam mal-unitjiet domestiċi (2016Q1)**




*Graff 9b:* **Xprunaturi ta' diżingranaġġ tal-unitjiet domestiċi (2016Q1)**




*Sorsi:* Eurostat, Il-kalkoli tas-servizzi tal-Kummissjoni
*Noti:* Il-graffs jippreżentaw rendikont tal-evoluzzjoni fil-proporzjonijiet tad-dejn mal-PDG f'erba' komponenti: il-flussi ta' kreditu, it-tkabbir reali tal-PDG, l-inflazzjoni u bidliet oħra. Tnaqqis ta' ingranaġġ jista' jinkiseb permezz ta' kombinazzjonijiet differenti ta' ripagament ta' dejn, tkabbir tal-ekonomija u bidliet oħra fl-istokk tad-dejn pendenti. Diżingranaġġ attiv jinvolvi ripagament nett tad-dejn (flussi ta' kreditu netti negattivi), li normalment iwasslu għal reċessjoni nominali tal-karta bilanċjali tas-settur u li jkollhom, *ceteris paribus*, impatti negattivi fuq l-attività ekonomika u s-swieq tal-assi. Diżingranaġġ passiv min-naħa l-oħra, jikkonsisti fi flussi ta' kreditu netti pożittivi ekwilibrati minn tkabbir nominali ogħla tal-PDG, li jwassal għal tnaqqis gradwali fid-dejn / PDG.

*Graff 10 a:* **L-evoluzzjoni tal-proporzjon tad-dejn għall-PDG tas-settur privat (2015 vs il-limitu massimu) u l-livelli ta' dejn privat (2015)**




*Sors:* Eurostat.

*Nota:* Il-Lussemburgu huwa eskluż mill-graff, billi l-waqgħa ta' 59,2 punti perċentwali fil-proporzjon tad-dejn mal-PDG fis-settur privat bejn il-livell massimu u l-2015, ġejja minn fatturi speċjali relatati mal-preżenza ta' kumpaniji multinazzjonali.

*Graff 10b:* **L-evoluzzjoni tal-proporzjon tad-dejn għall-PDG tad-dejn pubbliku (2015 vs il-livell massimu) u l-livelli tad-dejn pubbliku (2015)**




*Sors:* Eurostat.

Nota: L-Irlanda hija eskluża mill-graff, billi l-waqgħa ta' 40,9 punti perċentwali fil-proporzjon tad-dejn pubbliku bejn il-livell massimu u l-2015 (78,6 % tal-PDG) ġejja minn fatturi speċjali relatati mar-reviżjoni importanti tal-PDG imwettqa fl-2015 attribwita prinċipalment lill-attivitajiet tal-kumpaniji multinazzjonali.

**Il-banek saħħew il-proporzjon kapitali u r-reżiljenza tagħhom ġeneralment qed titjieb, iżda għad fadal ċerti sfidi.** L-introduzzjoni ta' rekwiżiti prudenzjali ġodda u t-tnaqqis fl-ingranaġġ tas-settur bankarju appoġġaw iż-żieda fil-proporzjonijiet kapitali f'banek fiż-Żona tal-Euro għal 14,2 % (kapital tal-Grad 1 għal assi ppeżati għar-riskju) fi tmiem l-2015 minn 10,4 % fi tmiem l-2011 (il-Graff 11a). It-titjib ġenerali fil-pożizzjonijiet kapitali tal-banek jikkontribwixxi biex tissaħħaħ ir-reżiljenza u pprovda l-bażi għal irkupru riċenti fil-kreditu fl-isfond li jerġa' jinbeda t-tkabbir tal-produzzjoni f'bosta Stati Membri. Madankollu, il-kapitalizzazzjoni tkompli tvarja madwar l-Istati Membri, bi proporzjonijiet (Grad 1) ta' aktar minn 17 % f'10 pajjiżi (inklużi l-Bulgarija, il-Lussemburgu, ir-Rumanija, is-Slovenja u l-Iżvezja), iżda inqas minn 13 % f'sitt (6) pajjiżi, inklużi l-Italja, il-Portugall u Spanja (il-Graff 11b). It-tkabbir tal-kreditu nett għas-settur privat kien pożittiv fi 17-il Stat Membru fl-2015 (u lil hinn mil-livell limitu fil-Lussemburgu), żieda minn 16 fl-2014, li jissuġġerixxi titjib inizjali

fl-aċċess għall-finanzi, ikkonfermat minn evidenza ta' stħarriġ. L-obbligazzjonijiet tas-settur finanzjarju qed jerġgħu jiżdiedu gradwalment fuq bażi annwali, għalkemm iż-żidiet huma żgħar fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri u taħt il-livelli limitu. L-isfidi tas-settur bankarju huma fil-biċċa l-kbira marbuta ma' prospetti ta' profittabbiltà (il-Graff 11c), flimkien ma' self improduttiv f'għadd ta' pajjiżi (il-Graff 11d). Il-qligħ imfaddal kienu l-istrument prinċipali biex jiżdied il-kapital bankarju, iżda l-profittabbiltà tibqa' baxxa f'ħafna Stati Membri u l-akkumulazzjoni ta' assi b'rendiment baxx f'ambjent ta' rati baxxi u l-persistenza ta' mudelli ta' negozju antikwati hija mistennija li tkompli taffettwa l-profittabbiltà għall-ġejjieni. Il-profittabbiltà baxxa min-naħa tagħha għandha effett fuq il-valutazzjonijiet tal-ekwità u taffettwa l-ħila tal-banek li jżidu kapital ġdid fis-suq, u b'hekk tillimita l-ispazju għal espansjoni tal-kreditu. Barra minn hekk, kwistjonijiet ta' legat fil-forma ta' livelli għolja ta' self improduttiv ikomplu jkunu ta' piż fuq il-karti bilanċjali tal-banek. Għadd ta' pajjiżi (il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Portugall, ir-Rumanija u s-Slovenja) jirreġistraw medja għolja mas-sistema kollha iżda l-banek bi proporzjonijiet tas-self improduttiv (NPL) jistgħu jinstabu wkoll fi Stati Membri oħra. Fl-Italja u l-Portugall, livelli għoljin ta' NPLs jitħalltu ma' proporzjonijiet ta' kapitalizzazzjoni baxxa. Bħalissa tinsab għaddejja ristrutturazzjoni tal-karta bilanċjali, iżda l-progress għadu mhux uniformi, u l-prattiki ta' proviżjonament tat-telf mis-self ivarjaw minn pajjiż għall-ieħor.

*Graff 11 a:* **Proporzjonijiet kapitali fiż-Żona tal-Euro**




Sors: Il-Bank Ċentrali Ewropew.

*Graff 11b:* **Proporzjonijiet kapitali fi Stati Membri, 2015Q4**




Sors: Il-Bank Ċentrali Ewropew.

*Graff 11c:* **Redditu fuq l-ekwità tal-banek**

*Graff 11d:* **Self improduttiv, il-perċentwali tat-totali ta' self u avvanzi**




Sorsi: Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-Fond Monetarju Internazzjonali, kalkoli tal-Kummissjoni Ewropea.




Sors: Il-Bank Ċentrali Ewropew.

**Il-prezzijiet reali tad-djar żdiedu fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri fl-2015.** L-indikatur tat-tabella ta' valutazzjoni juri żidiet fil-prezzijiet f'22 Stat Membru, b'valuri li jaqbżu l-livell limitu fid-Danimarka, l-Estonja, l-Irlanda, il-Lussemburgu, l-Ungerija u l-Iżvezja. Fil-Kroazja, l-Italja u l-Latvja, il-prezzijiet tad-djar naqsu minn livelli li diġà kienu stmati li huma sottovalutati, u b'hekk komplew wessgħu d-diskrepanza ta' valwazzjoni negattiva (il-Graff 12). B'kuntrast ma' dan, tnaqqis moderat fil-prezzijiet reali tad-djar fil-Finlandja, Franza u l-Greċja kkontribwixxa biex naqqas sopravalwazzjoni persistenti. F'għadd ta' Stati Membri oħra, iż-żieda fil-prezzijiet reali tad-djar fl-2015 żiedet pressjoni ulterjuri għas-swieq tal-proprjetà sopravalutati. It-tensjonijiet jidhru b'mod partikolari fl-Iżvezja, fejn iż-żieda fil-prezzijiet reali tad-djar fl-2015 ġiet flimkien ma' distakk tas-sopravalwazzjoni sostanzjali. Barra minn hekk, iż-żidiet fil-prezzijiet ulterjuri ġew imsaħħa biż-żieda ta' kreditu nett lil djar li diġà kienu 'l fuq minn livelli għolja ta' self. Id-Danimarka, il-Lussemburgu u r-Renju Unit huma tliet pajjiżi oħra fejn iż-żidiet fil-prezzijiet kienu sinifikanti fis-sena 2015 u ġew flimkien ma' distakki tas-sopravalwazzjoni. Fit-tliet każijiet kollha, dan kien xprunat ukoll minn żieda ta' flussi ta' kreditu netti lid-djar. Dawn is-sitwazzjonijiet għalhekk se jappellaw għal monitoraġġ bir-reqqa tal-iżviluppi fil-ġejjieni. Fl-Estonja, l-Irlanda, l-Ungerija u s-Slovakkja, il-prezzijiet qed jirkupraw minn livelli sottovalutati, filwaqt li f'postijiet oħra ż-żidiet fil-prezzijiet huma moderati u jiġu flimkien ma' distakki tas-sopravalwazzjoni limitata jew jikkontribwixxu biex jingħalaq distakk tas-sottovalwazzjoni.

*Graff 12:* **Il-livelli ta' valwazzjoni tal-prezzijiet tad-djar u varjazzjonijiet fl-2015**




*Sors:* Eurostat, BĊE, BĦI, OECD u kalkoli tas-servizzi tal-Kummissjoni.
*Nota:* dan id-distakk tas-sopravalwazzjoni huwa medja tal-prezz / tad-dħul, prezz / kera u distakki fundamentali tal-mudell ta' valwazzjoni.

**Il-proporzjonijiet tad-dejn tal-gvern naqas xi ftit f'ħafna Stati Membri fl-2015, iżda tipikament mhux fil-pajjiżi bl-aktar dejn għoli.** Il-valuri tat-tabella ta' valutazzjoni fl-2015 qabżu l-livell limitu fi 17-il Stat Membru. Għal 10 minn dawn, inklużi Ċipru, Franza, l-Irlanda, Spanja u l-Portugall, ingħaqad ma' pożizzjoni ta' dejn tas-settur privat lil hinn mil-livell limitu wkoll, li jiġġenera pressjonijiet ta' tnaqqis fl-ingranaġġ għall-ekonomija kollha. L-ambjent prevalenti tat-tkabbir baxx u l-inflazzjoni baxxa għadu ma jappoġġax tnaqqis b'saħħtu fil-proporzjonijiet tad-dejn tal-gvern minkejja l-isforzi tal-Istati Membri biex inaqqsu d-defiċits tal-gvern (li naqas f'termini strutturali f'21 pajjiż fl-2015) u jiġġeneraw surplus primarju (li kien miksub f'19-il pajjiż). It-tnaqqis fil-proporzjonijiet tad-dejn tal-gvern qed iseħħ l-aktar fi Stati Membri b'livelli baxxi ta' pożizzjoni ta' dejn (il-Graff 10b), bl-aktar tnaqqis sostnut li seħħ fid-Danimarka, il-Ġermanja, il-Latvja, Malta u n-Netherlands. B'kuntrast ma' dan, l-ebda wieħed mill-Istati Membri bl-ogħla proporzjonijiet tad-dejn għall-PDG tal-gvern ġenerali (il-Belġju, il-Kroazja, Ċipru, Franza, il-Greċja, l-Italja, il-Portugall, Spanja) ma għadu beda tnaqqis sostenibbli fil-proporzjon tad-dejn tiegħu. Fost il-pajjiżi b'livelli għolja ta' dejn, l-Irlanda huwa l-unika wieħed li beda tnaqqis b'saħħtu u sostnut fil-pożizzjoni tad-dejn tal-gvern, xprunat minn tkabbir b'saħħtu, reali u nominali tal-PDG. Għalkemm ix-xejra ssaħħet permezz ta' reviżjonijiet għall-aħjar riċenti fiċ-ċifri tal-PDG immexxija mill-attivitajiet tal-multinazzjonali, ix-xejra sottostanti tibqa' sostnuta.

*Kaxxa 3: Impjiegi u żviluppi soċjali*

**Il-kundizzjonijiet tas-swieq tax-xogħol komplew jitjiebu fl-2015 u fl-ewwel nofs tal-2016.** Tkabbir annwali fl-impjiegi fiż-Żona tal-Euro u fl-UE kollha ammonta għal madwar 1 % matul il-biċċa l-kbira tal-2015 u żdied għal madwar 1,6 % fl-ewwel nofs tal-2016. It-tkabbir tal-impjiegi fiż-Żona tal-Euro laħaq it-tkabbir ta' pajjiżi li mhumiex fiż-Żona tal-Euro, wara li waqa' warajh bejn l-2012 u l-2015. Bl-istess mod, ir-rati tal-qgħad naqsu aktar fl-2015 u fl-ewwel nofs tal-2016. Id-differenzi fir-rati tal-qgħad fl-UE naqsu minn livelli għolja, għalkemm dawn għadhom għoljin f'diversi pajjiżi, u b'mod

partikolari fil-Greċja u Spanja — fejn il-qgħad jaffettwa madwar 20 % tal-forza tax-xogħol — u fil-Kroazja, Ċipru, l-Italja u l-Portugall fejn il-qgħad għadu jaqbeż l-10 %. Il-valuri tat-tabella ta' valutazzjoni għar-rata tal-qgħad medja ta' tliet snin jaqbżu l-livell limitu għal dawn il-pajjiżi kollha fl-2015, minbarra l-Bulgarija, Franza, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja u s-Slovakkja. B'mod ġenerali, fit-tieni kwart tal-2016, ir-rata tal-qgħad baqgħet 1,5 punti perċentwali ogħla fiż-Żona tal-Euro milli fl-UE kollha, li jirrifletti b'mod sinifikanti l-ħtiġijiet tal-aġġustament li fadal f'għadd ta' pajjiżi taż-Żona tal-Euro. Barra minn hekk, filwaqt li t-tkabbir fl-impjiegi u t-tnaqqis fil-qgħad kien relattivament b'saħħtu sa issa fid-dawl tal-unika żieda modesta fit-tkabbir tar-riżultati f'dawn l-aħħar sentejn, wieħed għad irid jara jekk jistax jintlaħaq titjib kontinwu fil-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol b'irkupru dgħajjef.

**Ir-rati tal-impjieg żdiedu fi kważi l-Istati Membri kollha.** Ir-rata tal-impjieg (età bejn 20 u 64 sena) laħqet is-70 % fl-2015 għall-UE kollha u kompliet tiżdied għal 71 % fit-tieni kwart tal-2016, filwaqt li qabżet il-quċċata tal-2008 ta' ftit aktar minn 70 % għall-ewwel darba. Ir-rati ta' attività (15-64 sena) żdiedu kważi kullimkien, iżda naqsu f'Ċipru, u naqsu b'mod marġinali fil-Belġju u l-Ġermanja. Ir-rati ta' attività fl-UE u fiż-Żona tal-Euro fl-2015 kienu ta' 72,5 % u 72,4 %, rispettivament, madwar 3 u 2 punti perċentwali 'l fuq mil-livelli ta' qabel il-kriżi. Dan jista' jirrifletti d-dħul fis-suq tax-xogħol matul il-kriżi biex jikkontribwixxi għall-introjtu domestiku f'sitwazzjoni ta' żieda fl-inċertezza dwar l-impjiegi u l-introjtu tax-xogħol kif ukoll parteċipazzjoni ogħla fis-suq tax-xogħol minn ħaddiema ikbar fl-età u min-nisa.

**Ir-rati tat-tfittxija tal-impjieg għal min qed ifittex xogħol matul perjodi ta' qgħad ta' aktar minn 12-il xahar bdew jirkupraw fl-2015.** Min-naħa l-oħra, it-tnaqqis fil-qgħad osservat fil-bidu tal-irkupru kien marbut l-aktar ma' tnaqqis fir-rati tas-separazzjoni tal-impjiegi. B'konsegwenza ta' dan, ir-rata tal-qgħad fit-tul naqset f'ħafna mill-pajjiżi tal-UE fl-2015 iżda xorta baqgħet għolja. Tmien pajjiżi rreġistraw rati li jeċċedu dawk ta' tliet (3) snin ilu, b'0,5 punti perċentwali jew aktar. L-ogħla ċifri ġew osservati fil-Kroazja, il-Greċja u Spanja, b'aktar minn 10 % tal-popolazzjoni attiva mingħajr xogħol għal aktar minn sena.

**Il-qgħad fost iż-żgħażagħ qiegħed jonqos.** Ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ naqset fl-Istati Membri kollha minbarra l-Finlandja u, sa ċertu punt, fl-Awstrija, Franza u Malta. Il-qgħad fost iż-żgħażagħ ħafna drabi naqas b'rata iktar mgħaġġla minn dik tal-qgħad totali, li jirrifletti reazzjoni ċiklika ogħla u l-potenzjal tax-xogħol mhux użat f'pajjiżi b'rati għolja ta' qgħad. Il-valuri jaqbżu l-bidla fuq 3 snin tal-livell limitu tat-tabella ta' valutazzjoni fil-Belġju, Ċipru, il-Finlandja u l-Italja. Fl-2015, tnaqqis fil-proporzjon ta' żgħażagħ li la qed jaħdmu, la qed jistudjaw u lanqas qed jitħarrġu kienu komuni wkoll, iżda inqas frekwenti minn dak tal-qgħad fost iż-żgħażagħ, li baqa' 'l fuq minn marki b'żewġ ċifri f'żewġ terzi tal-Istati Membri tal-UE.

**Il-mobilità u l-migrazzjoni tal-forza tax-xogħol għenu biex jimmitigaw l-iżbilanċi fis-suq tax-xogħol.** Id-daqs u r-rilevanza tagħhom biex itaffu l-qgħad madankollu jibqgħu limitati f'termini globali. Fl-2015, l-influssi netti tal-popolazzjoni kienu l-akbar f'pajjiżi bir-rati l-iktar baxxi tal-qgħad fl-2014 (notevolment l-Awstrija, il-Ġermanja u l-Lussemburgu); uħud mill-ogħla ħruġ nett seħħ b'mod parallel ma' wħud mill-ogħla tnaqqis fil-qgħad fl-2015 (pereż. il-Kroazja, il-Greċja, il-Latvja u l-Litwanja). In-nuqqas ta' konnessjoni apparenti bejn iż-żieda fl-influssi f'pajjiżi riċeventi u l-ħruġ minn pajjiżi tal-UE minn fejn jitilqu jista' jkun minħabba l-importanza li dejjem tikber tal-migrazzjoni barra l-UE, inklużi refuġjati minn pajjiżi tal-Lvant Nofsani.

**Is-sitwazzjoni soċjali qed titjieb bil-mod, iżda għadha diffiċli f'għadd ta' Stati Membri.** Il-proporzjon ta' persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali (AROPE) naqas minn 24,4 % fl-2014 għal 23,7 % fl-2015, bi tnaqqis f'aktar minn tliet kwarti tal-Istati Membri fl-2015 meta mqabbel mal-

2014 u aktar minn nofs il-pajjiżi meta mqabbel ma' tliet (3) snin ilu — l-indikatur tat-tabella ta' valutazzjoni AMR.[14] [15] It-tnaqqis matul l-aħħar tliet snin kien l-aktar b'saħħtu fil-Bulgarija, l-Ungerija, il-Latvja u r-Rumanija, filwaqt li Ċipru, il-Greċja, in-Netherlands, il-Portugall u Spanja rreġistraw l-akbar żidiet. Ir-rati jvarjaw b'mod konsiderevoli minn madwar 40 % fil-Bulgarija u r-Rumanija għal inqas minn 20 % fir-Repubblika Ċeka, Franza, in-Netherlands u l-pajjiżi Nordiċi. F'paragun mas-snin ta' qabel il-kriżi, dawn ir-riskji naqsu għal diversi pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant (b'mod partikolari l-Polonja u r-Rumanija) u żdiedu għall-biċċa l-kbira tal-bqija (speċjalment fil-każ ta' Ċipru, il-Greċja u Spanja). Is-sitwazzjoni soċjali dgħajfa prolongata jista' jkollha impatt negattiv fuq it-tkabbir potenzjali tal-PDG b'diversi modi u tirriskja li tiggrava l-iżbilanċi makroekonomiċi.

**Ix-xejriet fir-riskji ta' faqar jew esklużjoni soċjali jirriżultaw minn diversi fatturi.** L-ewwel nett, il-proporzjon ta' nies fir-riskju ta' faqar (faqar monetarju) qed jiżdied f'ħafna mill-Istati Membri f'dawn l-aħħar snin — kemm f'termini ta' tibdil matul tliet (3) snin kif ukoll bdil ta' sena wara sena. It-tieni, id-deprivazzjoni materjali estrema (severe material deprivation, SMD) naqset matul perjodu ta' tliet (3) snin f'ħafna Stati Membri. Fl-ifqar Stati Membri ġie osservat tnaqqis sinifikanti fl-SMD, li jkejjel il-faqar b'mod assolut, b'mod li jirrifletti l-irkupru ta' dawn il-pajjiżi ma' livelli ogħla ta' introjtu. Ġiet innotata żieda fl-SMD f'pajjiżi bi PDG ogħla *per capita* iżda l-aktar affettwati mill-kriżi, b'mod partikolari l-Greċja, l-Italja u Spanja. Fl-aħħar nett, billi dan l-aħħar kien hemm tnaqqis jew stabbilizzazzjoni fil-proporzjon ta' persuni (taħt is-60 sena) li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'intensità baxxa ħafna ta' xogħol, il-bidla ta' tliet (3) snin xorta tindika li maġġoranza ta' pajjiżi tal-UE kellhom żieda jew, fl-aħjar każ, stabbilizzazzjoni meta mqabbla mal-2012.

**L-inugwaljanza fl-introjtu żdiedet fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE matul il-perjodu ta' kriżi.**[16] Madankollu, l-inugwaljanza fl-introjtu stabilizzat jew naqset fl-2015 f'għadd konsiderevoli ta' Stati Membri. Madankollu, pajjiżi bħal-Litwanja u r-Rumanija rreġistraw l-akbar żidiet fl-inugwaljanza fl-introjtu minn sitwazzjonijiet diġà agħar mill-medja.

*Graff 13:* **L-iżvilupp tar-rata tal-qgħad (20-64 sena), 2014Q1 *vs.* 2016Q2**

[14] Dan l-indikatur jikkorrispondi għas-somma ta' persuni li huma: f'riskju ta' faqar (wara trasferimenti soċjali) imsejjaħ ukoll faqar monetarju; jew f'deprivazzjoni materjali estrema; jew li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'intensità baxxa ħafna ta' xogħol. Il-persuni jingħaddu darba biss anki jekk ikunu preżenti f'bosta subindikaturi. Il-persuni f'riskju ta' faqar huma dawk b'introjtu disponibbli ekwivalizzat ta' inqas minn 60 % tal-introjtu disponibbli ekwivalizzat medjan nazzjonali. Id-deprivazzjoni materjali severa (SMD) tkopri indikaturi li jirrigwardaw in-nuqqas ta' riżorsi, jiġifieri l-proporzjon ta' persuni li qed jesperjenzaw mill-inqas erbgħa (4) minn fost disa' (9) fatturi ta' deprivazzjoni. Persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'intensità baxxa ħafna ta' xogħol huma dawk li għandhom bejn 0 u 59 sena li jgħixu f'unitajiet domestiċi fejn l-adulti (tal-età bejn 18 u 59 sena) ħadmu inqas mill-20 % tal-potenzjal totali tax-xogħol tagħhom matul l-aħħar sena. Ma hi disponibbli l-ebda *dat*a tal-2015 għall-Irlanda, il-Kroazja, l-Italja u l-Lussemburgu.

[15] Hemm nuqqas ta' kontinwità fis-serje tad-*data* għall-Bulgarija, l-Estonja u r-Rumanija.

[16] L-inugwaljanza kif imkejla mill-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu S80/S20 u mill-koeffiċjent Gini tal-introjtu disponibbli ekwivalizzat. L-ewwel wieħed iqabbel l-introjtu ta' dawk fil-quċċata tal-kwintil ta' fuq ma' dak ta' dawk fil-quċċata tal-kwintil tal-qiegħ tad-distribuzzjoni tal-introjtu. L-aħħar wieħed huwa definit bħala r-relazzjoni bejn l-ishma kumulattivi tal-popolazzjoni ordnati skont il-livelli tagħhom ta' introjtu disponibbli ekwivalizzat u s-sehem kumulattiv tal-introjtu disponibbli totali ekwivalizzat li rċevew: dan huwa mkejjel bejn iż-0, fejn l-introjtu huwa mqassam b'mod ugwali fost il-popolazzjoni kollha u 1, fejn l-introjtu kollu ta' pajjiż huwa miksub minn persuna waħda. Id-dejta turi rotot xi ftit differenti għaż-żewġ miżuri: l-S80/S20 naqset b'inqas frekwenza mill-koeffiċjent Gini tul dawn l-aħħar snin, iżda l-S80/S20 ukoll kienet żdiedet b'rata inqas matul il-kriżi.




*Sors:* Eurostat.

**B'mod ġenerali, ir-riskji u l-vulnerabbiltajiet li joħorġu minn kwistjonijiet ta' legat u / jew ix-xejriet riċenti huma preżenti fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri.** Il-grad ta' severità u l-urġenza biex jiġi pprovdut rispons ta' politika adegwata jvarja b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri skont in-natura tal-vulnerabbiltajiet jew ix-xejriet tagħhom, kif ukoll il-limitazzjoni tagħhom għal settur wieħed jew iktar tal-ekonomija:

- Għadd ta' Stati Membri huma affettwati minn s*tokk u / jew vulnerabbiltajiet tal-fluss multipli u interkonnessi*. Dan huwa l-każ ta' pajjiżi li ntlaqtu ħażin ħafna minn ċikli tal-kreditu boom-bust — ta' spiss assoċjati ma' kwistjonijiet ta' likwidità u solvenza fis-setturi bankarji tagħhom — u l-aktar inverżjonijiet severi ta' pożizzjonijiet ta' kontijiet kurrenti. F'għadd ta' każijiet (Ċipru, il-Kroazja, il-Portugall), dejn privat elevat tgħaqqad flimkien mal-livelli għoljin ta' dejn pubbliku, pożizzjonijiet ta' investiment interazzjonali netti negattivi u l-kwistjonijiet li fadal fis-sistema bankarja. Dawn il-pajjiżi għadhom qed jiffaċċjaw il-kwistjoni tal-indirizzar tal-bżonnijiet sinifikanti ta' tnaqqis fl-ingranaġġ fil-kuntest ta' spazju fiskali limitat, livell għoli ta' qgħad u inflazzjoni baxxa u tkabbir baxx fil-PDG reali. Fil-Bulgarija, l-Irlanda, is-Slovenja u Spanja, il-vulnerabbiltajiet huma wkoll diversi u interkonnessi, iżda nkiseb progress iktar malajr fl-indirizzar tagħhom minn fil-pajjiżi ta' hawn fuq.

- Ġewwa ftit Stati Membri, il-vulnerabbiltajiet huma mmexxija prinċipalment bi *stokks kbar ta' dejn ġenerali tal-gvern* u tħassib dwar it-*tkabbir fil-prodott potenzjal*i u l-*kompetittività*. Dan huwa partikolarment il-każ għall-Italja fejn il-vulnerabbiltajiet huma marbuta wkoll mas-settur bankarju, b'mod partikolari l-istokk kbir ta' self improduttiv. Il-Belġju u Franza wkoll jiffaċċjaw dejn tal-gvern ġenerali u kwistjonijiet tat-tkabbir potenzjali, iżda mhumiex ikkonfrontati b'riskji potenzjali simili li jirriżultaw minn banek vulnerabbli.

- Xi Stati Membri huma kkaratterizzati minn *surplus fil-kont kurrenti kbir u persistenti* li jirrifletti l-konsum u l-investiment privat baxx. Dan huwa notevolment il-każ tad-Danimarka, il-Ġermanja, in-Netherlands u l-Iżvezja. Fil-każ tal-Ġermanja, dan huwa

kkombinat mat-tnaqqis fl-ingranaġġ fis-setturi kollha tal-ekonomija, għalkemm il-livelli tad-dejn mhumiex komparattivament ogħla. Is-surplus kbir u persistenti jista' jimplika opportunitajiet tat-tkabbir mitlufa u riskji tal-kredituri li li qed jikbru. Barra minn hekk, in-nuqqasijiet fid-domanda aggregata jbatu konsegwenzi għall-bqija taż-Żona tal-Euro f'kuntest ta' tkabbir baxx u inflazzjoni baxxa.

- F'xi Stati Membri, *l-iżviluppi fil-varjabbli tal-prezzijiet jew tal-kostijiet juru sinjali potenzjali ta' tisħin żejjed.* Fl-Iżvezja, kif ukoll fid-Danimarka, il-Lussemburgu u r-Renju Unit, il-pressjonijiet fuq il-prezz jirrigwardaw prinċipalment is-settur tal-abitazzjoni flimkien ma' livelli sinifikanti ta' dejn tal-unitajiet domestiċi. Fil-Bulgarija, l-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja, il-kostijiet ta' unità lavorattiva qed ikomplu jikbru b'pass relattivament b'saħħtu.

- F'xi Stati Membri, il-vulnerabbiltajiet u possibbilment, ix-xejriet mhux sostenibbli huma kkonċentrati l-aktar fuq *settur partikolari tal-ekonomija*. Fin-Netherlands, il-vulnerabbiltajiet marbuta mad-dejn tal-unitajiet domestiċi u tas-suq tal-akkomodazzjoni jippersistu, flimkien mas-surplus kbir fil-kontijiet kurrenti. Fil-Finlandja, il-vulnerabbiltajiet jirrigwardaw prinċipalment il-kompetittività li tirriżulta minn bidla strutturali fl-ekonomija.

**B'mod ġenerali, hija żgurata analiżiji fil-fond għal 13-il pajjiż.**[17] Dawn il-pajjiżi kollha kienu suġġetti għal IDR fiċ-ċiklu preċedenti, li matulu tħejjew IDRs għal 19-il pajjiż b'mod ġenerali. Filwaqt li t-tnaqqis fin-numru ta' IDRs jirrifletti l-progress riċenti li sar fl-indirizzar tal-iżbilanċi, għad hemm vulnerabbiltajiet, anki f'pajjiżi li għalihom mhumiex żgurati IDRs f'dan l-istadju, u l-iżviluppi se jibqgħu jiġu sorveljati, kif indikat fit-Taqsima 3. Dwar l-AMR 2016, il-progress kien l-aktar notevoli fl-indirizzar tal-iżbilanċi esterni fost pajjiżi debituri netti, u s-swieq tax-xogħol komplew jitjiebu b'mod ġenerali. L-iżbilanċi tal-istokks interni u esterni, madankollu, jaġġustaw biss bil-mod u jibqgħu sors ta' riskji u vulnerabbiltajiet f'ħafna Stati Membri, minbarra li huma ta' piż fuq prospetti ta' investiment u l-irkupru ekonomiku. Min-naħa l-oħra, l-iżvilupp inizjali ta' pressjonijiet tal-prezz jiżguraw monitoraġġ mill-qrib f'xi pajjiżi.

## 3. ŻBILANĊI, RISKJI U AĠĠUSTAMENT: KUMMENTARJI SPEĊIFIĊI GĦALL-PAJJIŻ

**Il-Belġju:** Fis-sessjoni preċedenti tal-MIP, *ma ġie identifikat l-ebda żbilanċ makroekonomiku* fil-Belġju. Fit-tabella ta' valutazzjoni aġġornata, għadd ta' indikaturi huma ogħla mil-livell limitu indikattiv, l-iktar il-bidla fis-sehem mis-suq tal-esportazzjoni u l-pożizzjoni tad-dejn, kemm privat kif ukoll tal-gvern, kif ukoll il-bidla fir-rati ta' qgħad fit-tul u fost iż-żgħażagħ.

[17] Dawn il-pajjiżi huma l-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Italja, in-Netherlands, il-Portugall, is-Slovenja, Spanja u l-Iżvezja.

Is-sostenibbiltà esterna hija bbażata fuq il-pożizzjoni tal-kont kurrenti bbilanċjat u l-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta favorevoli ħafna. It-telf tas-sehem mis-suq tal-esportazzjonijiet akkumulat jibqa' kbir iżda naqsu fis-snin riċenti minkejja telf fl-2015. Din ix-xejra hija mistennija li tkompli, flimkien ma' tnaqqis notevoli fit-tkabbir tal-kost ta' unità lavorattiva. Id-dejn privat għadu relattivament għoli, b'mod partikolari għal korporazzjonijiet mhux finanzjarji, għalkemm self wiesa' intragrupp jgħolli l-figuri tad-dejn. Ir-riskji relatati mad-dejn tal-unitajiet domestiċi joriġinaw fil-biċċa l-kbira mis-suq tad-djar. Il-prezzijiet reali tad-djar kienu relattivament baxxi fis-snin riċenti iżda ma saret ebda korrezzjoni għaż-żieda mgħaġġla qabel l-2008. Id-dejn tal-gvern huwa stabbli iżda f'livell għoli u qed ikompli jippreżenta sfida kbira għas-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi. Dejta riċenti tissuġġerixxi li ż-żieda fil-qgħad fit-tul għandha natura ċiklika, filwaqt li livell għoli u persistenti tal-qgħad fost iż-żgħażagħ hija karatteristika aktar strutturali. L-għadd ta' persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'intensità baxxa ħafna ta' xogħol huwa wieħed mill-ogħla tal-Istati Membri kollha, li jenfasizza s-sitwazzjoni dejjem aktar ippolarizzata tas-suq tax-xogħol Belġjan.

*B'mod ġenerali, l-interpretazzjoni ekonomika tenfasizza kwistjonijiet relatati mal-kompetittività, il-pożizzjoni ta' dejn pubbliku, il-prezzijiet tad-djar u l-funzjonament tas-suq tax-xogħol, minkejja li r-riskji marbuta ma' dawn il-kwistjonijiet għadhom hemm. Għalhekk, il-Kummissjoni f'dan l-istadju mhijiex ser twettaq aktar analiżi fil-fond fil-kuntest tal-MIP.*

*Graff A1:* ***Dejn madwar is-setturi fl-ekonomija***




**Il-Bulgarija:** F'Marzu 2016, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Bulgarija *kienet qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi*, minħabba d-dgħjufijiet li għad hemm fis-settur finanzjarju u l-pożizzjoni ta' dejn korporattiv għoli fil-kuntest ta' rata għolja ta' qgħad. Fit-tabella ta' valutazzjoni aġġornata, għadd ta' indikaturi huma ogħla mil-livell limitu indikattiv, jiġifieri l-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta (PIIN), il-kost nominali ta' unità lavorattiva (KUL) u r-rata tat-tkabbir u tal-qgħad.

Il-PIIN negattiva għadha ogħla mil-livell limitu tat-tabella ta' valutazzjoni, iżda kompliet titjieb fl-isfond ta' kont kurrenti pożittiv. Is-sehem mis-suq tal-esportazzjoni żdied matul l-aħħar ħames snin minkejja telf fl-2015. Iż-żieda fil-KUL qed tnaqqas b'mod kostanti, anki jekk il-medja ta' tliet snin tibqa' ogħla mil-livell limitu indikattiv. Il-pożizzjoni ta' dejn tas-settur privat tibqa' ta' tħassib, b'mod partikolari għal korporazzjonijiet mhux finanzjarji, b'*data* riċenti tindika proċess ta' tnaqqis fl-ingranaġġ orndat iżda bil-mod. Għad hemm vulnerabbiltajiet fis-settur finanzjarju u jibqgħu fraġilitajiet fil-qafas ta' insolvenza. Il-livell ta' self improduttiv naqas iżda għadu għoli. Fis-settur bankarju tlestew analiżi tal-kwalità tal-assi u test tal-istress u ma identifikawx bżonn sinifikanti għal iktar kapital fis-settur. Madankollu, dawn se jeħtieġu implimentazzjoni stretta tal-azzjonijiet ta' segwitu, inkluż permezz ta' rakkomandazzjonijiet li l-BNB ħareġ lil banek individwali. Jinsabu għaddejjin rieżamijiet simili fis-setturi tal-assigurazzjoni u tal-fondi tal-pensjonijiet. Ir-rata tal-qgħad hija ogħla mil-livell limitu indikattiv, għalkemm fuq xejra 'l isfel minħabba t-tisħiħ riċenti tat-tkabbir tal-PDG, filwaqt li t-tkabbir tar-rata tal-qgħad fit-tul ma għadhiex ogħla mil-livell limitu indikattiv. Kwistjonijiet strutturali persistenti dwar is-suq tax-xogħol, bħal parteċipazzjoni baxxa kif ukoll sparigġi tal-ħiliet u l-kwalifiki jibqgħu kwistjonijiet ta' tħassib.

*Graff A2:* ***Dejn Privat u Self Improduttiv***




*B'mod ġenerali, l-interpretazzjoni ekonomika tenfasizza kwistjonijiet relatati ma' vulnerabbiltajiet esterni u interni, inkluż fis-settur finanzjarju. Għalhekk, il-Kummissjoni taħseb li huwa utli, anki b'kunsiderazzjoni ta' identifikazzjoni ta' żbilanċ eċċessiv f'Marzu, li teżamina iktar il-persistenza ta' riskji makroekonomiċi u li tissorvelja l-progress fl-iżvilupp ta' żbilanċi eċċessivi.*

**Ir-Repubblika Ċeka:** Fis-sessjoni preċedenti tal-MIP, *ma ġew identifikati l-ebda żbilanċi makroekonomiċi* fir-Repubblika Ċeka. Fit-tabella ta' valutazzjoni aġġornata ma hemmx indikaturi ogħla mil-livelli limitu indikattivi.

*Graff A3:* ***PIIN u bilanċ kont kurrenti***




Sors: Eurostat

Il-bilanċ tal-kont kurrenti tjieb konsiderevolment tul dawn l-aħħar snin, bil-medja ta' tliet snin li saret pożittiva fl-2015. Il-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta kienet qed tonqos gradwalment u ċċaqalqet fil-livell limitu fl-2015, parzjalment minħabba l-akkumulazzjoni attwali ta' assi denominati f'munita barranija mill-Bank Nazzjonali Ċek bħala parti minn bażi tar-rata tal-kambju f'operazzjoni vis-à-vis l-euro. Ir-riskji relatati mal-pożizzjoni esterna għadhom b'mod ġenerali limitati minħabba li ħafna mill-obbligazzjonijiet barranin huma inklużi fl-investiment dirett barrani u konsegwentement, id-dejn estern nett huwa baxx ħafna. Kien hemm aktar kisbiet fil-kompetittività fl-2015, b'żieda żgħira fis-sehem mis-suq tal-esportazzjoni u tnaqqis żgħir f'kostijiet nominali ta' unità lavorattiva. L-aċċellerazzjoni tat-tkabbir tal-pagi u l-apprezzament possibbli fir-rata tal-kambju, wara t-tneħħija tal-bażi tar-rata tal-kambju, jistgħu sa ċertu punt ireġġgħu lura dawn il-kisbiet riċenti. Ir-riskji ta' żbilanċi interni jidhru baxxi. Minkejja iktar kunfidenza tal-unitajiet domestiċi li jidħlu fis-suq tad-djar, il-livell tad-dejn tas-settur privat naqas bi ftit fl-2015 u għadu fil-livell limitu. It-tkabbir fil-prezzijiet reali tad-djar ukoll aċċellera xi ftit fl-2015. Is-settur bankarju li ħafna minnu huwa ta' sjieda barranija baqa' stabbli, bl-obbligazzjonijiet totali tas-settur finanzjarju jiżdiedu biss b'mod marġinali fl-2015. Id-dejn tal-gvern naqas u huwa mistenni li jkompli jonqos u għadu fil-livell limitu. Il-qgħad huwa baxx.

*B'mod ġenerali, l-interpretazzjoni ekonomika tindika li hemm riskji esterni taħt kontroll u riskji interni baxxi. Għalhekk, il-Kummissjoni f'dan l-istadju mhijiex se twettaq aktar analiżi fil-fond fil-kuntest tal-MIP.*

**Id-Danimarka:** Fis-sessjoni preċedenti tal-MIP, *ma ġew identifikati l-ebda żbilanċi makroekonomiċi* fid-Danimarka. Fit-tabella ta' valutazzjoni aġġornata, għadd ta' indikaturi huma ogħla mil-livell limitu indikattiv, jiġifieri l-bilanċ tal-kont kurrenti, il-bidla fl-ishma mis-suq tal-esportazzjoni, il-prezzijiet reali tad-djar u d-dejn tas-settur privat.

Il-bilanċ tal-kont kurrenti jkompli juri surplus kbir. Dan jirrifletti tfaddil privat u pubbliku b'saħħtu, introjti għoljin mill-investiment barra kif ukoll investiment korporattiv kompressat. Il-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta hija pożittiva u għolja, għalkemm naqset fl-

2015 minħabba effetti negattivi ta' valwazzjoni. Id-deficit akkumulat fl-ishma tas-suq tal-esportazzjoni naqas fl-2015, għalkemm fuq bażi annwali kien hemm telf addizzjonali, u hu mistenni li jkun limitat fis-snin li ġejjin. Id-dgħjufija relattiva riċenti tal-esportazzjoni tista' wkoll tiġu attribwita parzjalment għat-tnaqqis tal-estrazzjoni taż-żejt u l-gass u s-settur tal-merkanzija bil-baħar. L-indikaturi tal-kompetittività tal-kost baqgħu pjuttost stabbli. Id-dejn tas-settur privat naqas marġinalment fl-2015 iżda għadu għoli ħafna. Id-dejn tal-unitajiet domestiċi komparattivament għoli jirrifletti wkoll mudell ta' finanzjament tal-bank ipotekarju speċifiku u sistema tal-pensjonijiet avvanzata. It-tnaqqis fl-ingranaġġ huwa bil-mod billi l-inċentivi biex jitħallas id-dejn huma baxxi, filwaqt li huma għoljin għall-bini tal-ekwità tas-settur tal-abitazzjoni. Il-prezzijiet reali tad-djar kibru iktar mil-livell limitu fl-2015 fl-isfond ta' rati tal-imgħax baxxi ħafna, li jirrikjedi monitoraġġ mill-qrib. Madankollu, is-settur bankarju baqa' sod u l-iżviluppi tal-kreditu huma taħt kontroll. B'mod gradwali qed ikollhom effett miżuri regolatorji u superviżorji biex tiżdied l-istabbiltà tas-settur finanzjarju u biex jitnaqqas l-inċentiv tad-dejn għall-unitajiet domestiċi. Il-qgħad għadu baxx.

*Graff A4: **Dejn domestiku u Indiċi tal-Prezzijiet tad-Djar***




sors: Eurostat

*B'mod ġenerali, l-interpretazzjoni ekonomika tenfasizza kwistjonijiet possibbli relatati ma' dejn privat u s-settur tal-abitazzjoni, iżda r-riskji jibqgħu jidhru taħt kontroll. Għalhekk, il-Kummissjoni f'dan l-istadju mhijiex se twettaq aktar analiżi fil-fond fil-kuntest tal-MIP.*

**Il-Ġermanja:** F'Marzu 2016, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Ġermanja *kienet qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi*, b'mod partikolari li jinvolvu riskji li jirriżultaw minn eċċess ta' tfaddil u investiment privat u pubbliku baxx. Fit-tabella ta' valutazzjoni aġġornata, għadd ta' indikaturi huma ogħla mil-livell limitu indikattiv, jiġifieri s-surplus tal-kont kurrenti u d-dejn tal-gvern.

*Graff A5: **Self nett/self skont is-settur***




Sors: servizzi tal-Kummissjoni. NPISH tfisser istituzzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li jservu unitajiet domestiċi

Fl-2015, is-surplus tal-kont kurrenti kompla jiżdied minn livelli li diġà kienu għoljin ħafna, xprunat iktar minn patti kummerċjali pożittivi iktar b'saħħithom minħabba prezzijiet iktar baxxi taż-żejt u rata tal-kambju favorevoli. Dan l-eċċess huwa mistenni li jibqa' għoli fis-snin li ġejjin. L-investiment huwa

mistenni li jibqa' limitat u bħala sehem mill-PDG baqa' ġeneralment fl-istess livell baxx mill-2011. Il-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta kbira ħafna kompliet tikber b'rata mgħaġġla. Il-kostijiet ta' unità lavorattiva żdiedu iktar mill-medja taż-Żona tal-Euro, li gradwalment naqqsu d-differenza negattiva maż-Żona tal-Euro. Il-flussi tal-kreditu tas-settur privat żdiedu, filwaqt li t-tnaqqis fl-ingranaġġ tas-settur privat kompla fost it-tisħiħ tat-tfaddil tan-negozju u dak domestiku. Iż-żieda fil-prezzijiet reali tad-djar aċċellerat, għalkemm l-indikatur jibqa' taħt il-livell limitu. Il-proporzjon tad-dejn tal-gvern kompla jonqos. Is-settur finanzjarju għadu taħt pressjoni minn profitt baxx. Ir-rati tal-qgħad baxxi ħafna u li qed ikomplu jonqsu jirriflettu s-suq tax-xogħol robust fil-Ġermanja.

*B'mod ġenerali, l-interpretazzjoni ekonomika tenfasizza kwistjonijiet relatati ma' surplus estern kbir ħafna u li qed jiżdied u dipendenza qawwija fuq id-domanda esterna, li jesponu r-riskji tat-tkabbir u jenfasizzaw il-bżonn għal riekwilibriju kontinwu lejn sorsi domestiċi. Għalhekk, il-Kummissjoni ssib utli, anki b'kunsiderazzjoni tal-identifikazzjoni ta' żbilanċ f'Marzu, li teżamina b'mod ulterjuri l-persistenza tal-iżbilanċi jew l-iggravar tagħhom.*

**L-Estonja:** Fis-sessjonijiet preċedenti tal-MIP, *ma ġew identifikati l-ebda żbilanċi makroekonomiċi* fl-Estonja. Fit-tabella ta' valutazzjoni aġġornata, għadd ta' indikaturi huma ogħla mil-livelli limiti indikattivi, jiġifieri l-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta (PIIN), ir-rata tal-kambju effettiva reali (REER), il-kostijiet ta' unità lavorattiva u l-prezzijiet reali tad-djar.

*Graff A6:* ***Rata tal-kambju effettiva reali u KUL***




Sors: Eurostat, servizzi tal-Kummissjoni

Il-PIIN negattiva tibqa' ogħla mil-livell limitu iżda tjiebet iktar. Aktar minn nofs l-obbligazzjonijiet esterni jikkonsistu f'investimenti diretti barranin li jnaqqsu r-riskji. Il-kont kurrenti ilu f'surplus mill-2014, appoġġat minn esportazzjonijiet tas-servizzi b'saħħithom u stabbli. Filwaqt li għad hemm numru kbir ta' qligħ akkumulat fl-ishma mis-suq tal-esportazzjoni, kien hemm telf sostanzjali fl-2015. L-indikatur tar-rata tal-kambju effettiva reali jaqbeż bi ftit il-livell limitu, iżda huwa mistenni li jonqos. Iż-żieda fil-kostijiet ta' unità lavorattiva nominali tirrifletti t-tnaqqis kontinwu fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol li qed ikollha żieda fil-pagi. Barra minn hekk, il-waqgħa fil-prezzijiet taż-żejt u d-deprezzament tar-Rublu naqqsu l-esportazzjonijiet tal-Estonja, inklużi tal-industrija kbira tagħha tax-shale bituminuż. Iż-żieda fil-prezzijiet reali tad-djar dejjem qiegħda tonqos hekk kif il-provvista tas-settur tal-abitazzjoni qed tlaħħaq mad-domanda. Id-dejn tas-settur privat huwa taħt il-livell limitu iżda qed jonqos billi s-self, partikolarment lill-intrapriżi, qed jiżdied gradwalment. B'kuntrast, id-dejn tal-gvern huwa stabbli u fl-iktar livell baxx fl-UE. Il-qgħad fit-tul u fost iż-żgħażagħ u r-rata ta' deprivazzjoni materjali estrema komplew naqsu.

*B'mod ġenerali, l-interpretazzjoni ekonomika tenfasizza kwistjonijiet relatati ma' pressjonijiet fl-ekonomija domestika iżda r-riskji jibqgħu taħt kontroll. Globalment, il-Kummissjoni f'dan l-istadju mhijiex ser twettaq iktar analiżi fil-fond fil-kuntest tal-MIP.*

**L-Irlanda:** F'Marzu 2016, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Irlanda *kienet qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi*, li għandhom x'jaqsmu ma' stokks kbar ta' obbligazzjonijiet u vulnerabbiltajiet esterni minn dejn privat u pubbliku. Fit-tabella ta' valutazzjoni aġġornata, għadd ta' indikaturi huma ogħla mil-livell limitu indikattiv, jiġifieri l-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta (PIIN), ir-rata tal-kambju effettiva reali (REER), id-dejn privat, il-prezzijiet reali tad-djar, id-dejn tal-gvern, u l-qgħad.

*Graff A7:* ***Dejn madwar is-setturi fl-ekonomija u tkabbir reali tal-PDG***




*Sors:* Eurostat

Il-PIIN marret għall-agħar b'mod sinifikanti fl-2015, parzjalment minħabba xi ftit mill-attivitajiet ta' kumpaniji multinazzjonali b'implikazzjonijiet limitati għall-ekonomija domestika. L-Irlanda żammet surplus kbir fil-kont kurrenti f'dawn l-aħħar snin. Dan jirrifletti, sa ċertu punt, ir-riekwilibriju tal-ekonomija u l-kompetittività mtejba bi żviluppi REER ta' appoġġ. Madankollu, il-kont kurrenti sottostanti u l-pożizzjoni esterna huma diffiċli biex jiġu vvalutati minħabba d-daqs u l-impatt tal-attivitajiet tal-kumpaniji multinazzjonali. Il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-privat jibqa' għoli u l-unitajiet domestiċi komplew inaqqsu l-ingranaġġ b'mod attiv iżda s-sitwazzjoni ta' kumpaniji mhux finanzjarji domestiċi hija iktar diffiċli li tiġi interpretata minħabba l-piż tal-kumpaniji multinazzjonali fuq id-dejn korporattiv totali. Il-proporzjon tas-self improduttiv huwa għoli iżda b'xejra ta' tnaqqis bi tħassib dwar arretrati ta' mutwi ipotekarji fit-tul. Iż-żidiet fil-prezzijiet reali tad-djar immoderaw, għalkemm b'varjazzjoni reġjonali sinifikanti, l-aktar permezz ta' provvista tas-settur tal-abitazzjoni insuffiċjenti. Fir-rigward ta' livelli massimi, il-prezzijiet tal-proprjetà jibqgħu sew taħt filwaqt li l-kera issa tinsab 'il fuq. Id-dejn tal-gvern qed jonqos u kif ukoll naqas sostanzjalment fl-2015 minħabba ż-żieda eċċezzjonali fil-PDG. Ir-rata tal-qgħad medja ta' tliet (3) snin qiegħda qrib il-livell limitu hekk kif kompliet tonqos bis-saħħa tal-ħolqien b'saħħtu tal-impjiegi. Il-qgħad fit-tul u fost iż-żgħażagħ naqsu wkoll b'mod sostanzjali.

*B'mod ġenerali, l-interpretazzjoni ekonomika tenfasizza kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà esterna, is-settur finanzjarju, id-dejn privat u pubbliku. Għalhekk, il-Kummissjoni ssib utli, anki b'kunsiderazzjoni tal-identifikazzjoni ta' żbilanċ f'Marzu, li teżamina b'mod ulterjuri l-persistenza tal-iżbilanċi jew l-iggravar tagħhom.*

**Spanja:** F'Marzu 2016, il-Kummissjoni kkonkludiet li Spanja *kienet qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi*, b'mod partikolari li jinvolvu riskji relatati ma' livelli għoljin ta' dejn estern u intern, kemm privat kif ukoll pubbliku u f'kuntest ta' livell għoli ta' qgħad. Fit-tabella ta' valutazzjoni aġġornata, għadd ta' indikaturi huma ogħla mil-livell limitu indikattiv, jiġifieri l-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta (PIIN), id-dejn privat u tal-gvern u r-rata tal-qgħad.

*Graff A8:* ***PIIN u bilanċ kont kurrenti***




*Sors:* Eurostat

Ir-riekwilibriju estern kompla u l-bilanċ tal-kont kurrenti huwa mistenni li jibqa' f'surplus moderat fuq terminu ta' żmien medju. Madankollu, dan l-aġġustament qiegħed biss jittraduċi bil-mod fi tnaqqis tal-obbligazzjonijiet esterni ta' Spanja. Il-PIIN tjiebet mill-2014, iżda għadha negattiva ħafna u hija magħmula prinċipalment minn dejn, li jesponi lill-pajjiż għal riskji li jirriżultaw minn bidliet fis-sentiment tas-suq. Barra minn hekk, it-tkabbir baxx fil-produttività jikkawża lill-gwadann fil-kompetittività jistrieħ fuq vantaġġi tal-kost, filwaqt li jaffettwa wkoll il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-koeżjoni soċjali. It-tnaqqis fl-ingranaġġ tas-settur privat kompla matul l-2015, sostnut ukoll minn tkabbir reali u b'saħħtu. Id-dejn tal-gvern kien ġeneralment stabbli, minkejja defiċit konsiderevoli iżda li qiegħed jitjieb. Għalkemm il-qgħad qed jonqos b'mod mgħaġġel, għadu għoli ferm, speċjalment fost iż-żgħażagħ, u proporzjon għoli ta' dawk qiegħda ilu bla xogħol għal aktar minn sena. It-titjib fis-suq tax-xogħol qiegħed jittraduċi bil-mod fi tnaqqis tal-faqar, b'metrika tal-faqar li tibqa' fost l-ogħla fl-UE.

*B'mod ġenerali, l-interpretazzjoni ekonomika tenfasizza kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà esterna, id-dejn privat u pubbliku, u l-aġġustament tas-suq tax-xogħol, fil-kuntest ta' tkabbir dgħajjef fil-produttività. Għalhekk, il-Kummissjoni ssib li huwa utli, anki bil-kunsiderazzjoni tal-identifikazzjoni ta' żbilanċi f'Marzu u r-rilevanza transfruntiera tagħhom, li teżamina b'mod ulterjuri l-persistenza tal-iżbilanċi jew l-iggravar tagħhom.*

*Graff A9:* ***Tkabbir Potenzjali u Dejn Pubbliku***




Sors: servizzi tal-Kummissjoni

**Franza:** F'Marzu 2016, il-Kummissjoni kkonkludiet li Franza *esperjenzat żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi*, partikolarment li jinvolvu dejn pubbliku għoli u li qed jiżdied, flimkien ma' tkabbir dgħajjef fil-produttività u kompetittività li marret għall-agħar. Fit-tabella ta' valutazzjoni aġġornata, għadd ta' indikaturi

għadhom ogħla mil-livell limitu indikattiv, jiġifieri d-dejn tal-gvern, id-dejn tas-settur privat, il-qgħad kif ukoll il-bidla fil-qgħad fit-tul.

L-indikaturi ta' żbilanċi u kompetittività esterni stabbilizzaw fl-2015, kif rifless f'kont kurrenti qrib il-bilanċ, it-tnaqqis fit-telf akkumulat tas-sehem mis-suq tal-esportazzjoni, li issa huwa taħt il-livell limitu, u t-tkabbir taħt kontroll tal-kostijiet ta' unità lavorattiva. Madankollu, it-tkabbir dgħajjef fil-produttività tax-xogħol huwa fattur ta' riskju għall-evoluzzjoni tal-kostijiet ta' unità lavorattiva. Id-dejn tal-gvern għoli u li qed jiżdied għadu sors kbir ta' vulnerabbiltà u huwa previst li jiżdied fis-snin li ġejjin. Tkabbir potenzjali baxx u inflazzjoni baxxa jaggravaw ir-riskji assoċjati mad-dejn għoli tal-gvern billi jagħmlu t-tnaqqis fl-ingranaġġ diffiċli. Id-dejn tas-settur privat huwa ogħla mil-livell limitu iżda pressjonijiet ta' tnaqqis fl-ingranaġġ jidhru li huma taħt kontroll. Il-prezzijiet reali tad-djar qed jiġu kkoreġuti bil-mod, u l-kreditu tas-settur privat stabilizza ruħu fuq livelli pjuttost pożittivi moderati. Il-qgħad żdied aktar fl-2015 f'kuntest ta' tkabbir baxx. Bl-istess mod, il-qgħad fit-tul kompla jiżdied.

*B'mod ġenerali, l-interpretazzjoni ekonomika tenfasizza kwistjonijiet relatati prinċipalment ma' żbilanċi interni, speċjalment il-pożizzjoni ta' dejn pubbliku fil-kuntest ta' tkabbir baxx fil-produttività u kompetittività dgħajfa. Għalhekk, il-Kummissjoni ssib li huwa utli, anki b'kunsiderazzjoni tal-identifikazzjoni ta' żbilanċ eċċessiv f'Marzu, li teżamina iktar il-persistenza ta' riskji makroekonomiċi u li tissorvelja l-progress fl-iggravar ta' żbilanċi eċċessivi.*

**Il-Kroazja:** F'Marzu 2016, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Kroazja *kienet għaddejja minn żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi*, b'mod partikolari li jinvolvu riskji relatati ma' livelli għoljin ta' dejn pubbliku, korporattiv u estern fil-kuntest ta' qgħad għoli. Fit-tabella ta' valutazzjoni aġġornata, għadd ta' indikaturi huma ogħla mil-livell limitu indikattiv, jiġifieri l-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta (PIIN), id-dejn tal-gvern u r-rata tal-qgħad.

Il-PIIN għadha ferm negattiva imma tjiebet bil-pożizzjoni tal-kont kurrenti li turi żieda fis-surplus fl-2015. Il-kisbiet annwali fl-ishma mis-suq tal-esportazzjoni komplew, għalhekk b'mod ġenerali reġġgħu lura t-telf akkumulat fis-snin ta' qabel l-adeżjoni. Kemm id-dejn pubbliku kif ukoll dak privat, b'mod partikolari d-dejn korporattiv, huma għoljin. Wara ħames snin ta' żieda rapida, id-dejn tal-gvern stabilizza ruħu f'livell għoli ħafna u issa huwa mistenni li jonqos bħala proporzjon mill-PDG matul il-perjodu ta' tbassir. Id-dejn tas-settur privat ukoll beda jonqos u, għalkemm taħt il-limitu, għadu għoli meta mqabbel ma' pajjiżi pari. Barra minn hekk, proporzjon għoli ta' dejn domestiku huwa denominat f'euro, li jżid mar-riskji tal-valuta li jirriżultaw minn obbligi esterni għoljin. Minkejja li huwa kapitalizzat tajjeb, is-settur finanzjarju għadu espost għal rati għolja ta' self improduttiv. L-aċċelerazzjoni ta' self ta' tħassir u self ta' likwidazzjoni dan l-aħħar wasslet għal tnaqqis fis-self improduttiv, li juri tħaffif tal-kundizzjonijiet ta' kreditu. Ir-rata għolja ta' qgħad qed tonqos ukoll, parzjalment minħabba l-forza tax-xogħol li qed tonqos b'mod rapidu minn bażi diġà baxxa. B'rati tal-impjieg u tal-attività baxxi, proporzjon relattivament kbir tal-popolazzjoni jibqa' fir-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali.

*Graff A11:* ***Produttività tal-Fattur Totali u Formazzjoni Grossa tal-Kapital Fiss***




Sors: servizzi tal-Kummissjoni

*B'mod ġenerali, l-interpretazzjoni ekonomika tenfasizza kwistjonijiet relatati mal-pożizzjoni esterna, is-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku u l-aġġustament tas-suq tax-xogħol. Għalhekk, il-Kummissjoni taħseb li huwa utli, anki b'kunsiderazzjoni ta' identifikazzjoni ta' żbilanċ eċċessiv f'Marzu, li teżamina iktar il-persistenza ta' riskji makroekonomiċi u li tissorvelja l-progress fl-iżvilupp ta' żbilanċi eċċessivi.*

*Graff A10:* ***PIIN, Dejn Privat u Dejn tal-Gvern, % tal-PDG***




**L-Italja:** F'Marzu 2016, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Italja *kienet qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi*, partikolarment dejn pubbliku għoli ħafna u kompetittività esterna dgħajfa f'kuntest ta' tkabbir ekonomiku baxx u dinamiċi tal-produttività medjokri. Fit-tabella ta' valutazzjoni aġġornata, għadd ta' indikaturi huma ogħla mil-livell limitu indikattiv, speċjalment it-telf ta' ishma mis-suq tal-esportazzjoni, id-dejn tal-gvern, ir-rata tal-qgħad kif ukoll il-bidla f'rati tal-qgħad fit-tul u fost iż-żgħażagħ.

Il-kont kurrenti baqa’ b'surplus fl-2015, li kkontribwixxa għat-titjib tal-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta. Madankollu, dan is-surplus jirrifletti wkoll domanda domestika dgħajfa kontinwa, kif rifless fil-proporzjon storikament baxx ta’ investiment fiss fil-PDG. It-telf fis-sehem mis-suq tal-esportazzjoni jibqa' sostanzjali. Il-prestazzjoni esterna u l-kompetittività tal-ispejjeż ibatu minn tkabbir fil-produttività tax-xogħol baxx, minkejja tkabbir limitat tal-pagi u d-deprezzament tar-rata tal-kambju effettiva reali. L-irkupru ekonomiku dgħajjef, l-inflazzjoni baxxa u l-politika fiskali espansjonarja qed jikkawżaw id-dewmien tat-tnaqqis tal-proporzjon għoli ħafna tad-dejn tal-gvern u r-riskji relatati. Il-profittabbiltà baxxa u l-istokk għoli ta’ self improduttiv jagħmlu s-sistema bankarja dejjem aktar vulnerabbli u jfixklu l-kapaċità tal-banek li jappoġġaw l-ekonomija. B’mod partikolari, l-allokazzjoni ħażina tal-kapitali assoċjata mal-istokk għoli ta' self improduttiv tikkontribwixxi wkoll għal tkabbir baxx fil-produttività, u l-volumi baxxi ta’ self huma assoċjati ma’ livell baxx ta’ investiment. Titjib fil-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol qiegħed gradwalment inaqqas ir-rata tal-qgħad, li madankollu tibqa’ ferm ogħla mil-livelli ta’ qabel il-kriżi, b'mod simili għar-rati tal-qgħad fit-tul u fost iż-żgħażagħ.

*Graff A12: PIIN* ***u l-bilanċ CA***




*Sors:* Eurostat. Nota: * tindika BMP5 u ESA95

*B’mod ġenerali, l-interpretazzjoni ekonomika tenfasizza kwistjonijiet relatati mal-pożizzjoni ta' dejn pubbliku għoli u s-sistema bankarja f’kuntest ta’ tkabbir dgħajjef fil-produttività. Għalhekk, il-Kummissjoni ssib li huwa utli, anki b’kunsiderazzjoni tal-identifikazzjoni ta’ żbilanċi eċċessivi f’Marzu, li teżamina iktar il-persistenza ta’ riskji makroekonomiċi u li tissorvelja l-progress fl-iggravar tal-iżbilanċi eċċessivi.*

**Ċipru:** F’April 2016, il-Kummissjoni kkonkludiet li Ċipru *kien qed ikollu żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi*, b’mod partikolari li jinvolvu stokks kbar ta’ dejn privat, pubbliku u estern u l-proporzjon għoli ta’ self improduttiv fis-sistema bankarja. Fit-tabella ta’ valutazzjoni aġġornata, għadd ta’ indikaturi jibqgħu ogħla mil-livell limitu indikattiv, jiġifieri d-defiċit fil-kont kurrenti, il-pożizzjoni ta’ investiment internazzjonali netta (PIIN), ir-rata tal-kambju effettiva reali (REER), it-telf fl-ishma mis-suq tal-esportazzjoni, id-dejn tas-settur privat, id-dejn tal-gvern, il-qgħad kif ukoll il-bidla fir-rati tal-qgħad fit-tul u fost iż-żgħażagħ.

Id-defiċit fil-kont kurrenti u l-PIIN negattiva jibqgħu mdaqqsa anki jekk kien hemm xi titjib fl-2015. Il-prestazzjoni tajba tal-esportazzjoni tas-servizzi, b’mod partikolari t-turiżmu

kkontribwiet għal dan ir-riżultat. Id-deprezzament sostanzjali tar-REER prinċipalment jirrifletti l-inflazzjoni negattiva esperjenzata mill-2015. Il-livell tal-pożizzjoni ta' dejn privat jibqa' fost l-ogħla fl-UE. Għalkemm it-tkabbir reali tal-PDG reġa' beda fl-2015 u huwa mistenni li jissaħħaħ matul il-perjodu ta' tbassir, it-tnaqqis fil-prezzijiet inaqqas it-tkabbir nominali tal-PDG u jagħmel il-proċess ta' tnaqqis fl-ingranaġġ aktar diffiċli. Il-livell għoli ħafna ta' self improduttiv jissuġġerixxi li għad hemm riskji serji għar-restawr tal-fluss tal-kreditu b'saħħtu lill-ekonomija, li huwa meħtieġ biex jappoġġa t-tkabbir fuq terminu medju. Il-proporzjon tad-dejn għall-PDG għoli ħafna tal-gvern huwa stabbli u mistenni li laħaq il-massimu fl-2015. Il-qgħad huwa għoli iżda qed jonqos filwaqt li l-qgħad fit-tul u l-qgħad fost iż-żgħażagħ għadu relattivament għoli.

*Graff A13: Rata tal-kambju effettiva reali u l-ULC*




Sors: Eurostat, Servizzi tal-Kummissjoni

*Kumplessivament, l-istampa ekonomika tenfasizza kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà esterna, mad-dejn pubbliku u privat, mad-dgħjufijiet fis-settur finanzjarju u mal-aġġustament tas-suq tax-xogħol. Għalhekk, il-Kummissjoni ssib li fil-każ ta' Ċipru huwa utli, anki billi tqis l-identifikazzjoni ta' żbilanċ eċċessiv f'April, li teżamina aktar il-persistenza tar-riskji makroekonomiċi u li timmonitorja l-progress tat-tnaqqis tal-iżbilanċi eċċessivi.*

**Latvja:** Fir-rawnd preċedenti tal-MIP, *ma ġie identifikat l-ebda żbilanċ makroekonomiku* fil-Latvja. Fit-tabella ta' valutazzjoni aġġornata, għadd ta' indikaturi huma ogħla mil-livell limitu indikattiv, speċjalment il-pożizzjoni tal-investiment internazzjonali netta (PIIN), il-kostijiet tal-unità lavorattiva u l-qgħad.

Id-defiċit tal-kont kurrenti qed jonqos u l-proporzjon negattiv tal-PIIN għadu b'mod sinifikanti ogħla mil-livell limitu iżda qed jitjieb b'mod stabbli u l-prospetti huma favorevoli wkoll. Parti kbira ħafna mill-iskopertura esterna tirrifletti l-istokks tal-investiment dirett barrani. Il-kisbiet kumulati fl-ishma tas-suq tal-esportazzjoni għadhom sostanzjali minkejja telf fl-2015. L-indikaturi tal-kompetittività fil-qasam tal-ispejjeż jindika xi telf. Ir-rata tal-kambju effettiva reali apprezzata fl-2015. Il-kostijiet tal-unità lavorattiva żdiedu iktar lil hinn mil-livell limitu indikattiv li jippreżenta xi riskji għall-kompetittività tal-kost estern. Madankollu, ir-ritmu taż-żieda huwa pproġettat li se tonqos fid-dawl tal-aħħar żviluppi fil-pagi. Il-proporzjonijiet tad-dejn pubbliku u privat jinsabu sew taħt il-livell limitu. Is-settur finanzjarju jibqa' wieħed robust. L-għoti ta' self, partikolarment lill-korporazzjonijiet, qed jerġa' jiżdied wara perjodu twil ta' "diżingranġġ". It-tkabbir fil-prezz reali tad-djar batta. L-

indikatur ta' tliet snin tal-qgħad huwa marġinalment ogħla mil-livell limitu iżda qabad it-tendenza li jonqos.

*Kumplessivament, l-istampa ekonomika tenfasizza kwistjonijiet relatati mas-settur estern tal-ekonomija u tas-suq tax-xogħol fi sfond ta' bbilanċjar mill-ġdid kontinwu Għalhekk, il-Kummissjoni f'dan l-istadju mhijiex se twettaq aktar analiżi fil-fond fil-kuntest tal-MIP.*

**Il-Litwanja:** Fir-rawnds preċedenti tal-MIP, *ma ġie identifikat ebda żbilanċ makroekonomiku* fil-Litwanja. Fit-tabella ta' valutazzjoni aġġornata għadd ta' indikaturi huma lil hinn mil-livell limitu indikattiv, speċjalment il-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta (PIIN), il-kostijiet ta' unità lavorattiva nominali (KUL) u r-rata tal-qgħad.

Filwaqt li tibqa' ogħla mil-livell limitu indikattiv, in-PIIN qabdet xejra li titjieb. Il-gvern u s-settur privat jikkontribwixxu indaqs għal pożizzjoni netta negattiva totali u l-obbligazzjonijiet tas-settur privat huma kważi kollha ta' investiment barrani dirett li jimplika riskju aktar baxx. Għad hemm kisbiet kumulati fl-ishma tas-suq tal-esportazzjoni iżda kien hemm telf kbir fl-2015. L-indikaturi tal-kompetittività fil-qasam tal-kostijiet jindika xi telf. Ir-rata tal-kambju effettiva reali żdiedet fl-2015. Il-produttività baxxa u żieda qawwija fil-pagi implikat tkabbir qawwi tal-KUL fl-2015 li wassal biex l-indikatur jaqbeż il-livell limitu, iżda matul il-perjodu tat-tbassir hija prevista deċellerazzjoni. Il-livelli tad-dejn pubbliku u privat huma relattivament baxxi. Il-prezzijiet reali tad-djar qed ikomplu jiżdiedu iżda b'rata ta' tkabbir aktar baxxa u minn livell relattivament baxx. L-indikatur tal-qgħad jinsab lil hinn mil-livell limitu iżda għandu xejra konsistenti ta' tnaqqis.

*Kumplessivament, l-istampa ekonomika tenfasizza kwistjonijiet relatati mal-kompetittività esterna iżda r-riskji għadhom imrażżna. Għalhekk, il-Kummissjoni f'dan l-istadju mhijiex se twettaq aktar analiżi fil-fond fil-kuntest tal-MIP.*

**Il-Lussemburgu:** Fir-rawnd preċedenti tal-MIP, *ebda żbilanċ makroekonomiku ma ġie identifikat* għal-Lussemburgu. Fit-tabella ta' valutazzjoni aġġornata, għadd ta' indikaturi huma ogħla mil-livell limitu indikattiv, speċjalment il-prezzijiet reali tad-djar, il-fluss ta' kreditu fis-settur privat u d-dejn.

*Graff A14: rata tal-kambju effettiva reali u l-ULC*




Sors: Eurostat, Servizzi tal-Kummissjoni

Is-surplus strutturali kbir fil-kont kurrenti kien stabbli fl-2015 u jinsab fil-livell limitu kważi bl-eżatt. Il-pożizzjoni tal-investiment internazzjonali netta pożittiva żdiedet u dan jirrifletti l-aktar id-dominanza tas-settur finanzjarju, filwaqt li parti limitata biss mill-flussi hija marbuta mal-attività ekonomika domestika. Iż-żieda fil-pagi hija baxxa u dan jikkontribwixxi għall-moderazzjoni riċenti tal-kost lavorattiv. Flimkien mat-titjib fil-produttività reġistrata matul l-aħħar snin, din tgħin biex tispjega l-irkupru tal-ishma tas-suq tal-esportazzjoni. Id-dejn baxx tal-gvern kompla jonqos. It-tkabbir tal-kreditu baqa' dinamiku u t-tkabbir qawwi fis-self għax-xiri ta' djar għolla l-livell tad-dejn tal-unitajiet domestiċi qrib għall-medja taż-Żona tal-Euro, filwaqt li l-pressjonijiet ta' diżingranaġġ fuq il-karti tal-bilanċ tal-unitajiet domestiċi u tal-korporazzjonijiet jidhru li huma kontenuti. Il-prezzijiet tad-djar qed jaċċelleraw minn livelli diġà għoljin u dawn jitlob monitoraġġ mill-qrib. Diversi fatturi, bħal flussi ta' migrazzjoni netti mdaqqsa, suq tax-xogħol dinamiku u spejjeż ta' finanzjament baxxi jsostnu d-domanda għad-djar, filwaqt li l-provvista tibqa' relattivament restritta kif rifless ukoll fiż-żieda baxxa tal-permessi tal-bini. Il-proporzjonijiet tas-self mal-valur naqsu kif naqset ukoll affordabbiltà tad-djar. Il-qgħad żdied iżda minn livell baxx.

*Kumplessivament, l-istampa ekonomika tindika prinċipalment kwistjonijiet relatati maż-żieda fil-prezzijiet tad-djar, minkejja li r-riskji kumplessivi għadhom jidhru li huma relattivament kontenuti. Għalhekk, il-Kummissjoni f'dan l-istadju mhijiex se twettaq aktar analiżi fil-fond fil-kuntest tal-MIP.*

*Graff A16: PIIN u bilanċ CA*




*Graff A15:*




*Sors:* Eurostat

**L-Ungerija:** Fir-rawnd preċedenti tal-MIP, *ma ġie identifikat l-ebda żbilanċ makroekonomiku* fl-Ungerija. Fit-tabella ta' valutazzjoni aġġornata, għadd ta' indikaturi huma ogħla mil-livell limitu indikattiv, speċjalment il-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta (PIIN), it-telf fl-ishma tas-suq tal-esportazzjoni, il-prezzijiet reali tad-djar u d-dejn tal-gvern.

It-tisħiħ kontinwu tal-kont kurrenti implika titjib mgħaġġel u sostnut ħafna fil-PIIN negattiv. L-ishma tas-suq tal-esportazzjoni rreġistraw kisbiet fl-2015 u t-telf kumulat huwa kemm kemm aktar mil-livell limitu. Dan huwa sostnut minn industrija tal-karozzi li qed tikber u minn titjib fil-kompetittività tal-kost kif rifless f'rata ta' skambju effettiva reali li qed tiddeprezza u minn tkabbir limitat fil-kostijiet tal-unitajiet lavorattivi. Is-self korporattiv mill-banek domestiċi kompla jonqos iżda s-self ġdid lill-unitajiet domestiċi qabad ritmu tajjeb fl-

2015. Il-pass kumplessiv tad-diżingranaġġ batta, sostnut minn tkabbir ekonomiku kontinwu. L-aħħar tnaqqis fil-prezzijiet reali tad-djar inqaleb drastikament u l-prezzijiet tad-djar żdiedu fl-2015 u qabżu l-livell limitu, madankollu xorta waħda għadhom f'livelli sottovalutati. Ir-regoli ta' massimu ta' dejn introdotti sussegwentement se jillimitaw ir-riskji ta' stress fuq is-suq. Id-dejn tal-gvern kompla jonqos gradwalment, għalkemm xorta waħda għadu relattivament għoli għal ekonomija bi dħul medju. Is-settur bankarju tejjeb il-profitabbiltà tiegħu u l-kapaċità tiegħu tal-assorbiment tax-xokkijiet. L-irkupru fis-suq tad-djar jista' jikkontribwixxi biex tonqos il-problema ta' livell għoli ta' self ipotekarju mhux produttiv tal-unitajiet domestiċi. L-indikatur tal-qgħad baqa' taħt il-livell limitu fl-2015, filwaqt li l-qgħad żdied aktar fl-2015 u fl-2016.

*Graff A17:* ***Dejn fis-setturi kollha tal-ekonomija***




*Sors:* Eurostat

*Kumplessivament, l-istampa ekonomika tenfasizza titjib fil-pożizzjoni esterna u kwistjonijiet relatati mas-suq tal-akkomodazzjoni għalkemm ir-riskji jidhru kontenuti. Il-Kummissjoni f'dan l-istadju mhix se twettaq aktar analiżi fil-fond fil-kuntest tal-MIP.*

**Malta:** Fir-rawnd preċedenti tal-MIP, *ma ġie identifikat l-ebda żbilanċ makroekonomiku* għal Malta. Fit-tabella ta' valutazzjoni aġġornata, għadd ta' indikaturi huma ogħla mil-livell limitu indikattiv, speċjalment it-telf fl-ishma tas-suq tal-esportazzjoni, id-dejn privat u d-dejn tal-gvern.

Is-surplus fil-kont kurrenti naqas kemxejn fl-2015, u dan jirrifletti wkoll l-impatt ta' żieda qawwija fl-investiment b'intensità għolja ta' importazzjoni. Il-PIIN pożittiva ssaħħet. L-ishma tas-suq tal-esportazzjoni kienu qed jonqsu b'mod persistenti sa mill-2009, b'mod partikolari minħabba esportazzjonijiet ta' oġġetti. Madankollu, żviluppi fil-kompetittività tal-kostijiet kienu favorevoli għax iż-żieda fil-produttività u żviluppi moderati fil-pagi żammew il-kostijiet tal-unità lavorattiva taħt kontroll u r-rata tal-kambju reali effettiva ddeprezzat xi ftit. Il-proporzjon tad-dejn privat mal-PDG jinsab sew fuq xejra 'l isfel bis-saħħa ta' diżingranaġġ ordnat fost il-korporazzjonijiet mhux finanzjarji u tkabbir ekonomiku b'saħħtu. Id-dinamika

tal-prezzijiet tad-djar baqgħet kajmana fl-2015, iżda d-domanda dejjem tikber hija mistennija li tirriżulta f'pressjoni 'l fuq fuq il-prezzijiet fis-snin li ġejjin. Id-dejn tal-gvern kompla jonqos u qed joqrob lejn il-livell limitu indikattiv. Il-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol għadhom favorevoli u l-qgħad huwa baxx.

*Kumplessivament, l-istampa ekonomika tenfasizza pożizzjoni esterna robusta u diżingranaġġ kontinwu f'kuntest ta' tkabbir relattivament b'saħħtu. Għalhekk, il-Kummissjoni f'dan l-istadju mhijiex se twettaq aktar analiżi fil-fond fil-kuntest tal-MIP.*

**In-Netherlands:** F'Marzu 2016, il-Kummissjoni kkonkludiet li n-Netherlands kienu *għaddejjin minn żbilanċi makroekonomiċi*, b'mod partikolari li jinvolvu riskji li jirriżultaw minn surplus kbir u persistenti fil-kont kurrenti u l-istokk kbir ħafna tad-dejn tal-unitajiet domestiċi. Fit-tabella ta' valutazzjoni aġġornata, għadd ta' indikaturi huma ogħla mil-livell limitu indikattiv, speċjament is-surplus fil-kont kurrenti, it-telf ta' ishma fis-suq tal-esportazzjoni, id-dejn tas-settur privat, id-dejn tal-gvern kif ukoll il-bidla fil-qgħad fit-tul.

Is-surplus fil-kont kurrenti għadu f'livell ferm ogħla mil-livell limitu indikattiv. Karatteristiċi strutturali jikkontribwixxu parzjalment għal dan il-livell għoli, inklużi livelli għolja ta' attivitajiet ta' riesportazzjoni u l-preżenza ta' kumpaniji multinazzjonali. Barra minn hekk, is-surplus jirrifletti livell għoli ta' tifdil mill-korporazzjonijiet mhux finanzjarji, f'kuntest ta' livell baxx ta' investiment u tqassim tal-profitti tal-korporattivi kontenut. Madankollu, l-investiment huwa mistenni li jikber aktar f'konformità mad-domanda domestika b'saħħitha li tista' tirriżulta fi tnaqqis moderat tas-surplus fil-kont kurrenti. It-telf kumulat tas-sehem tas-suq tal-esportazzjoni għadu lil hinn mil-livell limitu bis-saħħa tat-telf annwali fl-2015. L-indikaturi tal-kompetittività tal-kostijiet jindikaw kisbiet żgħar fl-2015.

Id-dejn tas-settur privat huwa għoli ħafna iżda d-diżingranaġġ privat għadu għaddej u dan iwassal għal tnaqqis marġinali fil-livell tad-dejn. Il-miżuri ta' politika bħat-tnaqqis tad-deduċibbiltà tal-imgħax fuq self ipotekarju u l-proporzjonijiet tas-self mal-valur huma mistennija li jsostnu t-tnaqqis tad-dejn tal-unitajiet domestiċi. Il-prezzijiet reali tad-djar bdew jiżdiedu fl-2015 wara fażi ta' korrezzjoni fis-snin ta' qabel. Id-dejn tal-gvern huwa moderatament ogħla mil-livell limitu u qed jonqos bil-mod. Filwaqt li s-suq tax-xogħol qed juri tkabbir qawwi fl-impjiegi, li jwassal għal tnaqqis konsistenti fir-rata tal-qgħad, il-proporzjon ta' persuni qiegħda fit-tul għadu għoli.

***Graff A18: Teħid/Għoti ta' self nett skont is-sett u l-kont kurrenti***




Sors: Eurostat

*Kumplessivament, l-istampa ekonomika tenfasizza kwistjonijiet relatati mat-tfaddil persistenti u mal-iżbilanċi fl-investiment, u ma' livell għoli ta' dejn privat, b'mod partikolari djun ipotekarji. Għalhekk, il-Kummissjoni ssib utli, anki b'kunsiderazzjoni tal-identifikazzjoni ta' żbilanċ f'Marzu, li teżamina b'mod ulterjuri l-persistenza tal-iżbilanċi jew l-iggravar tagħhom.*

**L-Awstrija:** F'Marzu 2016, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Awstrija *ma kienet qed tesperjenza l-ebda żbilanċ makroekonomiku*. Fit-tabella ta' valutazzjoni aġġornata, għadd ta' indikaturi huma ogħla mil-livell limitu indikattiv, b'mod partikolari t-telf fl-ishma tas-suq tal-esportazzjoni u d-dejn tal-gvern kif ukoll il-bidla fil-qgħad fit-tul.

Il-kont kurrenti juri surplus moderat li żdied bi ftit fl-2015, filwaqt li l-pożizzjoni tal-investiment internazzjonali netta hija kemm kemm pożittiv. It-telf kumulat fl-ishma tas-swieq tal-esportazzjoni għadu aktar mil-livell limitu u kien hemm xi telf addizzjonali fl-2015. Ir-rata tal-kambju reali effettiva ddeprezzat fuq bażi annwali. Barra minn hekk, it-tkabbir fil-produttività tax-xogħol kienet pożittiva wara tliet snin ta' tnaqqis u dan kkontribwixxa għal tnaqqis fit-tkabbir tal-kost tal-unità lavorattiva nominali. Id-dejn tas-settur privat għadu taħt il-livell limitu iżda qribu, u se jkompli jonqos meta mqabbel mal-PDG minħabba d-diżingranaġġ tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji minkejja l-ambjent ta' rati ta' imgħax baxxi. Ir-rata tat-tkabbir fil-prezzijiet reali tad-djar aċċellerat minn livelli relattivament diġà għoljin u għalkemm l-indikatur għadu taħt il-livell limitu u dan jirrikjedi monitoraġġ mill-qrib. Id-dejn tal-gvern żdied, anki minħabba r-ristrutturar imtawwal ta' banek f'diffikultà li għadhom jistgħu joħolqu xi riskji għall-finanzi pubbliċi. L-obbligazzjonijiet tas-settur finanzjarju baqgħu pjuttost stabbli għax il-banek Awstrijaċi jnaqqsu l-iskoperturi barranin tagħhom fost l-oħrajn minħabba l-kwalità relattivament baxxa tal-assi fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, li jeħtieġu monitoraġġ minħabba effetti konsegenzjali potenzjali fuq l-ekonomiji domestiċi u tas-sħab. Ir-rata tal-qgħad qed tkompli tiżdied prinċipalment minħabba l-effett taż-żieda fil-provvista tal-ħaddiema, iżda għadha fost l-aktar baxxi fl-UE minkejja li l-qgħad fit-tul u l-qgħad fost iż-żgħażagħ żdied.

*Kumplessivament, l-istampa ekonomika tenfasizza kwistjonijiet relatati mal-prestazzjoni esterna u mas-settur bankarju iżda r-riskju jidher li huwa kontenut. Għalhekk, il-Kummissjoni f'dan l-istadju mhijiex se twettaq aktar analiżi fil-fond fil-kuntest tal-MIP.*

*Graff A19:* ***Dejn fis-setturi kollha tal-ekonomija***




*Sors:* Eurostat

**Il-Polonja:** Fir-rawnd preċedenti tal-MIP, *ma ġie identifikat ebda żbilanċ makroekonomiku* fil-Polonja. Fit-tabella tal-valutazzjoni aġġornata, il-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta (PIIN) hija ogħla mil-livell limitu indikattiv.

Il-medja fuq tliet snin tad-defiċit fil-kont kurrenti kompliet tonqos lejn bilanċ. Madankollu, il-PIIN għadha negattiva ferm imma tjiebet sostanzjalment fl-2015. Il-vulnerabbiltà esterna hija kontenuta mill-kont tal-investimenti barranin dirett li jammonta għall-parti l-kbira tal-obbligazzjonijiet barranin. Fl-2015, il-kisbiet kumulati fl-ishma tas-suq tal-esportazzjoni mexa 'l quddiem filwaqt li l-indikaturi tal-kompetittività tal-kostijiet urew xi kisbiet. Kemm id-dejn tas-settur privat u d-dejn tal-gvern huma relattivament baxxi u stabbli. L-istabbiltà tas-settur bankarju nżammet, iżda l-profittabbiltà naqset. Il-prezzijiet reali tad-djar urew tkabbir pożittiv limitat fl-2014 u l-2015 wara għadd ta' snin b'korrezzjonijiet. Ir-rata tal-qgħad baqgħet niżla fil-limitu indikattiv.

*Kumplessivament, l-istampa ekonomika tenfasizza kwistjonijiet fil-pożizzjoni esterna fejn ir-riskji kumplessivi madankollu għadhom limitati. Għalhekk, il-Kummissjoni f'dan l-istadju mhijiex se twettaq aktar analiżi fil-fond fil-kuntest tal-MIP.*

*Graff A20: pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta*




*Sors:* Eurostat

**Il-Portugall:** Fi Marzu 2016, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Portugall kien qed jesperjenza *żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi* fir-rigward ta' stokks kbar ta' obbligazzjonijiet esterni, dejn pubbliku u privat, sehem kbir ta' self mhux produttiv (non-performing loans - NPL) u qgħad għoli. Fit-tabella tal-valutazzjoni aġġornata għadd ta' indikaturi huma ogħla mil-livell limitu indikattiv, b'mod partikolari l-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta (PIIN), id-dejn tas-settur privat, id-dejn tal-gvern u l-qgħad.

Il-pożizzjoni tal-kont kurrenti rreġistrat surplus żgħir fl-2015 u l-pożizzjoni tal-PIIN negattiva tjiebet xi ftit iżda għadha għolja ħafna. Surpluses sostanzjali fil-kont kurrenti se jkunu meħtieġa għal żmien twil biex tintlaħaq pożizzjoni esterna aktar sostenibbli. Parti mit-telf kumulat preċedenti fl-ishma tas-suq tal-esportazzjoni reġgħet inkisbet ukoll fl-isfond tal-iżviluppi tajbin fil-kompetittività tal-ispejjeż. Il-proporzjon tad-dejn privat li għadu għoli jimplika li għadu meħtieġ aktar diżingranaġġ. Il-livell għoli tad-dejn tal-gvern, f'kuntest ta' tkabbir potenzjali baxx, jimplika riskji għas-sostenibbiltà fuq terminu medju, vulnerabbiltajiet għal xokkijiet avversi u jżid il-kostijiet tal-finanzjament. L-istokk għoli ta' NPLs korporattivi, flimkien ma' profittabbiltà baxxa, qed jagħmlu pressjoni fuq is-settur bankarju u jostakolaw l-allokazzjoni ta' kreditu u investiment produttiv. L-aġġustament fis-suq tax-xogħol qed jagħmel progress gradwali, ukoll fir-rigward tal-qgħad fost iż-żgħażagħ u l-qgħad fit-tul anke jekk dawn għadhom fost l-ogħla fl-UE u dan iżid ir-riskji ta' deterjorazzjoni tal-kapital uman.

*Graff A21: PIIN,* ***Dejn Privat u Dejn tal-Gvern, % tal-PDG***




Sors: Eurostat

*Kumplessivament l-istampa ekonomika tenfasizza kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà esterna, mad-dejn pubbliku u privat, mal-vulnerabbiltà tas-settur bankarju u mal-proċess ta' aġġustament tas-suq tax-xogħol, fil-kuntest ta' tkabbir baxx fil-produttività. Għalhekk, il-Kummissjoni ssibha utli, anke b'kunsiderazzjoni tal-identifikazzjoni ta' żbilanċ eċċessiv f'Marzu, li teżamina aktar il-persistenza tar-riskji makroekonomiċi u li timmonitorja l-progress fit-tnaqqis tal-iżbilanċi eċċessivi.*

**Ir-Rumanija:** Fir-rawnd preċedenti tal-MIP, *ma ġie identifikat l-ebda żbilanċ makroekonomiku* fir-Rumanija. Fit-tabella tal-valutazzjoni aġġornata, il-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta (PIIN) hija ogħla mil-livell limitu indikattiv.

*Graff A22:* ***PIIN u bilanċ CA***




Sors: Servizzi tal-Kummissjoni

Il-kont kurrenti wera defiċit żgħir fl-2015 iżda huwa mistenni li jikber bil-mod, sostnut minn domanda domestika qawwija. Il-PIIN negattiva kompliet titjieb fl-2015 bis-saħħa ta' tkabbir relattivament b'saħħtu tal-PDG. Kważi nofs il-PIIN jikkonsisti f'investimenti diretti barranin filwaqt li d-dejn estern nett kompla jonqos. Il-kisbiet kumulati fis-suq tal-esportazzjoni għadhom

sostanzjali minkejja telf żgħir fl-2015. L-indikaturi tal-kompetittività tal-kostijiet tjiebu b’mod moderat fl-2015 bi tnaqqis żgħir fil-kostijiet ta' unità lavorattiva, marbuta ma' żieda fil-produttività tax-xogħol u d-deprezzament tar-rata tal-kambju effettiva reali. Madankollu, il-kompetittività tista’ tmur għall-agħar jekk ir-ritmu attwali ta’ żieda fil-pagi jkun sostnut aktar milli jkunu ż-żidiet fil-produttività. Is-saħħa ġenerali tas-settur bankarju tjiebet u s-settur għadu kapitalizzat u likwidu sew. Barra minn hekk, is-settur privat ma għadux jiċkien. Għalkemm fuq perkors 'l isfel, il-proporzjonijiet ta’ self mhux produttiv għadhom għoljin, filwaqt li l-inizjattivi legali domestiċi rikorrenti qed iħallu impatt fuq il-prevedibbiltà legali u jistgħu jaffettwaw ħażin l-istabbiltà tal-istituzzjonijiet bankarji. Id-dejn tal-gvern baqa' relattivament baxx u fid-direzzjoni 'l isfel. Madankollu, miżuri fiskali u żidiet fil-pagi ad hoc għal xi kategoriji ta’ impjegati pubbliċi jindikaw rilassament fiskali u politika fiskali proċiklika fl-2016-2017 li tista’ tgħarraq id-dinamika tad-dejn. Ir-rata tal-qgħad baqgħet l-istess fl-2015 u dan jirrifletti parzjalment l-isfidi strutturali fis-suq tax-xogħol, u r-rata tal-attività żdiedet xi ftit f’kuntest ta’ tkabbir ekonomiku b’saħħtu.

*Kumplessivament, l-istampa ekonomika tenfasizza kwistjonijiet relatati mal-pożizzjoni esterna u mar-rilassament fiskali. Ir-riskji għal issa jidhru li huma kontenuti iżda jistgħu jiżdiedu b'riżultat ta’ inizjattivi ta’ politika, inkluż fis-settur finanzjarju. Il-Kummissjoni, f’dan l-istadju, mhix se twettaq analiżi ulterjuri fil-fond fil-kuntest tal-MIP, iżda se ssegwi mill-qrib l-inizjattivi li jista’ jkollhom effett ħażin fuq l-istabbiltà finanzjarja.*

**Is-Slovenja:** F’Marzu 2016, il-Kummissjoni kkonkludiet li s-Slovenja kienet qed *tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi*, b’mod partikolari li jinvolvu riskji fiskali u vulnerabbiltajiet li jirriżultaw mis-settur bankarju u mid-dejn korporattiv. Fit-tabella ta’ valutazzjoni aġġornata, għadd ta’ indikaturi huma ogħla mil-livell limitu indikattiv, speċjalment il-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta u d-dejn tal-gvern.

*Graff A23:* ***Potenzjal ta' tkabbir u dejn pubbliku***



Sors: Servizzi tal-Kummissjoni

Is-surplus fil-kont kurrenti baqa’ pożittiv ħafna fl-2015 u żdied filwaqt li l-investiment baqa' dgħajjef. Il-pożizzjoni ta’ investiment internazzjonali netta negattiva tjiebet sostanzjalment u qed tersaq lejn il-livell limitu. It-tkabbir fl-esportazzjoni baqa’ b’saħħtu u telf kumulat ta' ħames snin fl-ishma tas-suq tal-esportazzjoni naqas b’mod sostanzjali. It-tkabbir tal-kost tal-unità lavorattiva kien baxx u rata tal-kambju reali effettiva ddepprezzat u b'hekk għenet il-kompetittività. It-tkabbir tal-kreditu kien negattiv u d-diżingranaġġ korporattiv kompla fl-2015, iżda l-pressjonijiet qed ibattu. Id-dejn tal-gvern huwa għoli iżda mistenni li laħaq l-ogħla livell tiegħu fl-2015. Is-sitwazzjoni fis-settur bankarju stabbilizzat aktar. Is-self improduttiv kompla jonqos, iżda xorta waħda għadu relattivament għoli, filwaqt li l-

profitabbiltà tal-banek tinsab taħt pressjoni. Wara li mill-2014 il-PDG u l-esportazzjoni kibru b'mod solidu, is-suq tax-xogħol tjieb fl-2015. Bis-saħħa tal-irkupru tad-domanda għall-ħaddiema fis-settur privat, ir-rata tal-qgħad kompliet tonqos fl-2015 u l-istess għamlu r-rati tal-qgħad fit-tul u fost iż-żgħażagħ.

*Kumplessivament, l-istampa ekonomika tenfasizza kwistjonijiet relatati mad-dejn għoli korporattiv u pubbliku u mal-prestazzjoni tas-settur bankarju. Għalhekk, il-Kummissjoni ssibha utli, anki b'kunsiderazzjoni tal-identifikazzjoni ta' żbilanċ f'Marzu, li teżamina iktar ir-riskji involuti fil-persistenza tal-iżbilanċi jew it-tnaqqis tagħhom.*

**Is-Slovakkja:** Fir-rawnds preċedenti tal-MIP *ma ġie identifikat ebda żbilanċ makroekonomiku* fl-Islovakkja. Fit-tabella ta' valutazzjoni aġġornata, għadd ta' indikaturi jibqgħu ogħla mil-livell limitu indikattiv, speċjalment il-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta (PIIN) u l-qgħad.

*Graff A24:* ***Suq tax-xogħol u indikaturi soċjali***



*Sors:* Eurostat

Il-bilanċ fil-kont kurrenti tjieb b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin, b'medja ta' tliet snin li turi surplus żgħir fl-2015. Madankollu, il-PIIN qiegħda titjieb iżda bil-mod, bl-influss kontinwu ta' investiment dirett barrani li fil-biċċa l-kbira huwa relatat mal-industrija tal-karozzi li qed tespandi. Id-dgħjufija reċenti fir-rata tal-kambju reali effettiva, inkluż tkabbir moderat biss fil-kost tal-unità lavorattiva nominali għenet lill-kompetittività tal-kostijiet filwaqt li kien hemm xi kisbiet kumulattivi fl-ishma tas-suq tal-esportazzjonijiet. Madankollu, suq tax-xogħol li qiegħed jiċkien u żieda fil-pressjoni fuq it-tkabbir tal-pagi nominali jistgħu jpoġġu pressjoni fuq il-kompetittività tal-ispejjeż fis-snin li ġejjin. Il-fluss tal-kreditu tas-settur privati kien qawwi fis-snin riċenti, u kkontribwixxa għall-perkors 'il fuq tal-proporzjon tad-dejn tas-settur privat, li madankollu xorta għadu ħafna inqas mil-livell limitu indikattiv. Il-prezzijiet reali tad-djar waqgħu fl-aktar livell baxx fl-2013, u fl-2015 kien hemm tkabbir pożittiv sinifikanti għalkemm minn livell baxx. Aktar aċċellerazzjoni fil-kreditu għal xiri ta' djar f'ambjent ta' rati baxxi tista' timplika tkabbir iktar mgħaġġel fil-prezzijiet tad-djar fis-snin li ġejjin. Il-proporzjon tad-dejn tal-gvern naqas bi ftit fl-2015. Is-settur bankarju, li fil-parti l-kbira tiegħu huwa proprjetà tal-barranin, huwa kkapitalizzat sew. Ir-rata tal-qgħad qed titjieb. Għalkemm ir-rati tal-attività gradwalment tjiebu mill-2012, il-qgħad strutturali huwa sfida ewlenija.

*Kumplessivament, l-istampa ekonomika tenfasizza kwistjonijiet marbuta ma' aspetti esterni iżda b'riskji limitati filwaqt li l-qgħad strutturali għadu problema. Għalhekk, il-Kummissjoni f'dan l-istadju mhijiex se twettaq aktar analiżi fil-fond fil-kuntest tal-MIP.*

**Il-Finlandja:** F'Marzu 2016, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Finlandja kienet qed *tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi*, b'mod partikolari fir-rigward tal-kompetittività u l-prestazzjoni esterna. Fit-tabella ta' valutazzjoni aġġornata, għadd ta' indikaturi huma ogħla mil-livell limitu indikattiv, b'mod partikolari t-telf fl-ishma tas-suq tal-esportazzjoni, il-livell tad-dejn tas-settur privat u tad-dejn tal-gvern, kif ukoll iż-żieda tal-qgħad fost iż-żgħażagħ u fit-tul.

*Graff A25: Ishma tas-suq tal-esportazzjoni u bilanċ CA*




Sors: Eurostat

Id-defiċit fil-kont kurrenti naqas aktar fl-2015 u huwa mistenni li jibqa' f'livelli simili fis-snin li ġejjin. Il-pożizzjoni tal-investiment internazzjonali netta ddeterjorat maż-żmien iżda għadha qrib il-bilanċ. It-telf kumulat tal-ishma tas-suq tal-esportazzjoni minn mindu faqqgħu l-kriżijiet ekonomiċi u finanzjarji għadu sostanzjali minkejja titjib reċenti fl-indikaturi tal-kompetittività tal-kostijiet. Fl-2015, it-telf mis-sehem tas-suq reġa' aċċellera u kien wieħed mill-aktar dgħajfa fl-UE, b'rabta mal-bidla strutturali fis-seħħ fl-ekonomija u s-sensittività tal-esportazzjonijiet għar-riċessjoni fir-Russja. Fl-2016, is-sħab soċjali qablu dwar il-Patt tal-Kompetittività li huwa mistenni li jtejjeb il-kompetittività tal-kost sa mill-2017. Wara li kien ilu ġeneralment stabbli mill-2009, fl-2015 id-dejn tas-settur privat żdied b'mod sostanzjali filwaqt li kundizzjonijiet favorevoli ta' kreditu, rati tal-imgħax baxxi u prezzijiet reali tad-djar li naqsu b'mod moderat appoġġaw iż-żieda qawwija fil-kreditu. Is-settur finanzjarju għadu kapitalizzat sew u dan jillimita r-riskji għall-istabbiltà finanzjarja. Id-dejn tal-gvern issa huwa ogħla mil-livell limitu ta' 60 % tal-PDG. Il-qgħad kompla jiżdied fl-2015 iżda huma mistenni jonqsu fil-ġejjieni. Iż-żieda fil-qgħad fost iż-żgħażagħ reċentement bdiet tonqos iżda l-qgħad fit-tul għadu qed jiżdied.

*Kumplessivament, l-istampa ekonomika tenfasizza kwistjonijiet relatati kemm mal-kompetittività tal-prezz kif ukoll mhux tal-prezz f'kuntest ta' ristrutturar settorjali. Għalhekk, il-Kummissjoni ssibha utli, anki b'kunsiderazzjoni tal-identifikazzjoni ta' żbilanċ f'Marzu, li teżamina iktar il-persistenza tal-iżbilanċi u tat-tnaqqis tagħhom.*

**L-Iżvezja:** F'Marzu 2016, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Iżvezja *kienet qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi*, partikolarment li jinvolvu d-dejn għoli tal-unitajiet domestiċi u li

qed ikompli jiżdied, assoċjat ma' prezzijiet għoljin tad-djar u li qed ikomplu jogħlew. Fit-tabella ta' valutazzjoni aġġornata, għadd ta' indikaturi huma ogħla mil-livell limitu indikattiv, speċjalment it-telf fl-ishma tas-suq tal-esportazzjoni, id-dejn tas-settur privat u t-tkabbir tal-prezzijiet reali tad-djar.

*Graff A26: Dejn tal-Unitajiet Domestiċi u l-Indiċi tal-Prezzijiet tad-Djar*




*Sors:* Eurostat

Is-surplus fil-kont kurrenti għadu għoli minkejja li jinsab fil-livell limitu, li jirrifletti primarjament tfaddil privat għoli. Il-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta (PIIN) kompliet titjieb u fl-2015 saret pożittiva. It-telf kumulat fl-ishma tas-swieq tal-esportazzjoni għadu ogħla mil-livell limitu u kien hemm aktar telf fl-2015. L-indikaturi tal-kompetittività tal-kostijiet żviluppaw b'mod favorevoli fl-2015, bi tkabbir tal-kost tal-unità lavorattiva kontenut u b'deprezzament tar-rata tal-kambju effettiva reali (real effective exchange rate - REER). It-telf globali fis-sehem mis-suq tal-esportazzjoni huwa xprunat minn domanda esterna dgħajfa aktar milli minn kwistjonijiet ta' kompetittività. Id-dejn tas-settur privat huwa ġeneralment stabbli f'livell fost l-ogħla fl-UE fejn ir-riskji jirrigwardjaw prinċipalment il-livell għoli ta' dejn tal-unitajiet domestiċi. It-tkabbir tal-kreditu żdied fl-2015 u t-tkabbir tal-prezzijiet reali tad-djar aċċellera iktar minn livelli diġà għoljin. Il-prezzijiet tad-djar u d-dejn tal-unitajiet domestiċi huma megħjuna jikbru minn trattament tat-taxxa favorevoli għal min jixtru daru bid-dejn, minn aspetti speċifiċi tas-suq tas-self ipotekarju u minn rati baxxi tal-imgħax fuq is-self ipotekarju. Fuq in-naħa tal-provvista, il-limitazzjonijiet fuq bini ġdid għadhom problema. Minkejja l-livell għoli tad-dejn tal-unitajiet domestiċi, ir-riskji tal-banek bħalissa jidhru kontenuti għax il-kwalità tal-assi u l-profittabbiltà baqgħu għoljin u l-finanzi tal-unitajiet domestiċi huma ġeneralment b'sodi. Il-qgħad xeqleb 'l isfel fl-2015 u qabad xejra bil-mod 'l isfel, megħjun mit-titjib tal-kundizzjonijiet tat-tkabbir.

*B'mod ġenerali, l-istampa ekonomika tenfasizza kwistjonijiet relatati mad-dejn privat għoli u mal-iżviluppi fis-settur tad-djar. Għalhekk, il-Kummissjoni ssib utli, anki b'kunsiderazzjoni tal-identifikazzjoni ta' żbilanċ f'Marzu, li teżamina b'mod ulterjuri l-persistenza tal-iżbilanċi jew l-iggravar tagħhom.*

*Graff A27:* **Dejn tal-unitajiet domestiċi u l-Indiċi tal-Prezzijiet tad-Djar**




*Sors:* Eurostat

**Ir-Renju Unit:** Fir-rawnd preċedenti tal-MIP, *ma ġie identifikat l-ebda żbilanċ makroekonomiku* fir-Renju Unit. Fit-tabella ta' valutazzjoni aġġornata, għadd ta' indikaturi huma ogħla mil-livell limitu indikattiv, speċjalment

id-defiċit fil-kont kurrenti, ir-rata tal-kambju effettiva reali, id-dejn tas-settur privat u d-dejn tal-gvern.

Id-defiċit fil-kont kurrenti kompla jiżdied fl-2015, xprunat miż-żieda fid-defiċit tad-dħul primarju u l-indikatur baqa' ogħla mil-livell limitu. Il-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta hija negattiva iżda tjiebet xi ftit. It-tibdil kumulat fis-sehem tas-suq tal-esportazzjoni tjieb b'mod sinifikanti u issa qed juri xi żidiet. Filwaqt li t-tkabbir tal-kost tal-unità lavorattiva kien moderat, fl-2015 l-indikatur tar-rata tal-bidla reali effettiva żdied u sar marġinalment ogħla mil-livell limitu. Dan jirrifletti s-saħħa tal-isterlina sa tard fl-2015 sa meta l-isterlina ddgħajfet b'mod sinifikanti. Kumplessivament id-dejn għall-PDG tas-settur privat kompla jonqos bi ftit, għalkemm għadu għoli u d-dejn tal-unitajiet domestiċi reġa' beda jiżdied. Il-prezzijiet reali tad-djar komplew jiżdiedu minn livelli diġà għoljin. Għalkemm ir-rata ta' tkabbir naqset kemxejn, din tirrikjedi monitoraġġ mill-qrib. Id-dejn tal-gvern kien kważi stabbli fl-2015 iżda l-livell għoli għadu ta' tħassib. Iż-żieda qawwija fl-impjiegi kompliet tkun akkumpanjata minn tnaqqis tal-qgħad fit-tul u fost iż-żgħażagħ.

*B'mod ġenerali, l-istampa eknomika tenfasizza xi kwistjonijiet relatati mas-suq tad-djar u man-naħa esterna tal-ekonomija, għalkemm ir-riskji għall-istabbiltà fuq terminu qasir jidhru limitati. Madankollu l-eżitu r-referendum dwar l-UE ħoloq inċertezza ekonomika u politika għall-futur. Kumplessivament il-Kummissjoni f'dan l-istadju mhix se twettaq aktar analiżi fil-fond fil-kuntest tal-MIP.*

**Tabella 1.1: Tabella ta' valutazzjoni tal-MIP 2015**

| Sena 2015 | Żbilanċi esterni u kompetittività | | | | | Żbilanċi interni | | | | | | Indikaturi tal-impjiegi[1] | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Bilanċ tal-kont kurrenti - % tal-PDG** (medja fuq tliet snin) | **Pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta** (% tal-PDG) | **Rata effettiva reali tal-kambju - 42 sieħeb kummerċjali, diflettur HICP** (bidla % fuq tliet snin) | **Sehem mis-suq tal-esportazzjoni - % tal-esportazzjonijiet dinjin** (bidla % fuq | **Indiċi tal-kost ta' unità lavorattiva nominali (2010=100)** (bidla % fuq tliet snin) | **Indiċi tal-prezzijiet tad-djar (2010=100), deflatat** (bidla % fuq sena waħda) | **Fluss tal-kreditur fis-settur privat, konsolidat** (% tal-PDG) | **Dejn tas-settur privat, konsolidat** (% tal-PDG) | **dejn gross tal-gvern ġenerali** (% tal-PDG) | **Rata tal-qgħad** (medja fuq tliet snin) | **Obbligazzjonijiet totali tas-settur finanzjarju, mhux konsolidati** (bidla % fuq | **Rata ta' attività - % tal-popolazzjoni totali ta' bejn il-15 u l-64 sena** (bidla fuq 3 snin fil-pp) | **Rata tal-qgħad fit-tul - % tal-popolazzjoni attiva ta' bejn il-15 u l-74 sena** (bidla fuq 3 snin fil-pp) | **Rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ - % tal-popolazzjoni attiva ta' bejn il-15 u l-24 sena** (bidla fuq 3 snin fil- |
| Livelli limitu | -4/6% | -35% | ±5% (EA) ±11% (Non-EA) | -6 % | 9% (EA) 12% (Non-EA) | 6 % | 14 % | 133 % | 60 % | 10 % | 16.5 % | -0.2 pp | 0.5 pp | 2 pp |
| **BE** | 2_x000D_ | .3_x000D_ | -1.2 | _x000D_ | 1.5 | _x000D_ | 4.5 | 166.3 | 105.8 | 8.5 | _x000D_ | .7_x000D_ | 1.0 | 2.3 |
| **BG** | 6_x000D_ | .0_x000D_ | -4.1 | _x000D_ | 14.9p | _x000D_ | -0.3 | 110.5 | 26.0 | 11.2 | _x000D_ | 2.2_x000D_ | -1.2 | -6.5 |
| **CZ** | 2_x000D_ | .7_x000D_ | -8.0 | _x000D_ | 0.5 | _x000D_ | 0.9 | 68.6 | 40.3 | 6.1 | _x000D_ | 2.4_x000D_ | -0.6 | -6.9 |
| **DK** | 8_x000D_ | .0_x000D_ | -1.5 | _x000D_ | 4.9 | _x000D_ | -3.3 | 212.8 | 40.4 | 6.6 | _x000D_ | .1_x000D_ | -0.4 | -3.3 |
| **DE** | 5_x000D_ | .7_x000D_ | -1.4 | _x000D_ | 5.7 | _x000D_ | 3.0 | 98.9 | 71.2 | 4.9 | _x000D_ | .4_x000D_ | -0.4 | -0.8 |
| **EE** | 9_x000D_ | .9_x000D_ | 6.4 | _x000D_ | 14.4 | _x000D_ | 3.3 | 116.6 | 10.1 | 7.4 | _x000D_ | .9_x000D_ | -3.1 | -7.8 |
| **IE** | *_x000D_ | )*_x000D_ | -5.9 | _x000D_ | -18.1 | _x000D_ | -6.7 | 303.4 | 78.6 | 11.3 | _x000D_ | .8_x000D_ | -3.7 | -9.5 |
| **EL** | 2_x000D_ | .6_x000D_ | -5.5 | _x000D_ | -11.1p | _x000D_ | -3.1 | 126.4 | 177.4 | 26.3 | _x000D_ | .3_x000D_ | 3.7 | -5.5 |
| **ES** | 3_x000D_ | .9_x000D_ | -2.9 | _x000D_ | -0.7p | _x000D_ | -2.7 | 154.0 | 99.8 | 24.2 | _x000D_ | .0_x000D_ | 0.4 | -4.6 |
| **FR** | 7_x000D_ | .4_x000D_ | -2.7 | _x000D_ | 2.5p | _x000D_ | 4.4 | 144.3 | 96.2 | 10.3 | _x000D_ | .8_x000D_ | 0.6 | 0.3 |
| **HR** | 7_x000D_ | .7_x000D_ | 0.1 | _x000D_ | -5.0 | _x000D_ | -1.3 | 115.0 | 86.7 | 17.0 | _x000D_ | 2.9_x000D_ | 0.1 | 0.9 |
| **IT** | 5_x000D_ | .6_x000D_ | -2.2 | _x000D_ | 1.5 | _x000D_ | -1.7 | 117.0 | 132.3 | 12.2 | _x000D_ | .5_x000D_ | 1.3 | 5.0 |
| **CY** | 1_x000D_ | .3_x000D_ | -6.2 | _x000D_ | -10.5p | _x000D_ | 4.4 | 353.7 | 107.5 | 15.7 | _x000D_ | .4_x000D_ | 3.2 | 5.1 |
| **LV** | 8_x000D_ | .5_x000D_ | 3.1 | _x000D_ | 16.0 | _x000D_ | 0.7 | 88.8 | 36.3 | 10.9 | _x000D_ | .3_x000D_ | -3.3 | -12.2 |
| **LT** | 9_x000D_ | .7_x000D_ | 4.0 | _x000D_ | 11.6 | _x000D_ | 2.2 | 55.0 | 42.7 | 10.5 | _x000D_ | 2.3_x000D_ | -2.7 | -10.4 |
| **LU** | 3_x000D_ | .8_x000D_ | -0.5 | _x000D_ | 0.6 | _x000D_ | 24.2 | 343.1 | 22.1 | 6.1 | _x000D_ | 5b_x000D_ | 0.3 | -1.4 |
| **HU** | 0_x000D_ | .8_x000D_ | -6.9 | _x000D_ | 3.9 | _x000D_ | -3.1 | 83.9 | 74.7 | 8.2 | _x000D_ | 4.9_x000D_ | -1.9 | -10.9 |
| **MT** | 3_x000D_ | .5_x000D_ | -0.2 | _x000D_ | 3.9 | _x000D_ | 5.4 | 139.1 | 64.0 | 5.9 | _x000D_ | 4.5_x000D_ | -0.7 | -2.3 |
| **NL** | 1_x000D_ | .9_x000D_ | -0.6 | _x000D_ | 0.2p | _x000D_ | -1.6p | 228.8p | 65.1 | 7.2 | _x000D_ | .6_x000D_ | 1.1 | -0.4 |
| **AT** | 1_x000D_ | .9_x000D_ | 1.8 | _x000D_ | 6.1 | _x000D_ | 2.1 | 126.4 | 85.5 | 5.6 | _x000D_ | .4_x000D_ | 0.5 | 1.2 |
| **PL** | 3_x000D_ | .8_x000D_ | -1.0 | _x000D_ | -0.4p | _x000D_ | 3.2 | 79.0 | 51.1 | 8.9 | _x000D_ | .6_x000D_ | -1.1 | -5.7 |
| **PT** | 7_x000D_ | .3_x000D_ | -2.8 | _x000D_ | 0.0e | _x000D_ | -2.3 | 181.5 | 129.0 | 14.4 | _x000D_ | .0_x000D_ | -0.5 | -6.0 |
| **RO** | 0_x000D_ | .9_x000D_ | 2.7 | _x000D_ | 0.5p | _x000D_ | 0.2 | 59.1 | 37.9 | 6.9 | _x000D_ | .3_x000D_ | 0.0 | -0.9 |
| **SI** | 4_x000D_ | .7_x000D_ | 0.6 | _x000D_ | -0.6 | _x000D_ | -5.1 | 87.3 | 83.1 | 9.6 | _x000D_ | .4_x000D_ | 0.4 | -4.3 |
| **SK** | 1_x000D_ | .0_x000D_ | -0.7 | _x000D_ | 2.2 | _x000D_ | 8.2 | 81.4 | 52.5 | 13.0 | _x000D_ | .5_x000D_ | -1.8 | -7.5 |
| **FI** | 0_x000D_ | .6_x000D_ | 2.3 | _x000D_ | 3.6 | _x000D_ | 9.5 | 155.7 | 63.6 | 8.8 | _x000D_ | .6_x000D_ | 0.7 | 3.4 |
| **SE** | 0_x000D_ | .1_x000D_ | -7.9 | _x000D_ | 3.6 | _x000D_ | 6.5 | 188.6 | 43.9 | 7.8 | _x000D_ | .4_x000D_ | 0.0 | -3.3 |
| **UK** | 8_x000D_ | .4_x000D_ | 11.3 | _x000D_ | 1.7 | _x000D_ | 2.5 | 157.8 | 89.1 | 6.3 | _x000D_ | .8_x000D_ | -1.1 | -6.6 |

Immarkar: b: pawża fis-serje taż-żmien. e: estimat. p: proviżorju.

Nota: * Il-bidla fil-livell hija dovuta għal rilokazzjoni fl-Irlanda ta' karti tal-bilanċi ta' intrapriżi multinazzjonali kbar u l-inklużjoni tat-tranżazzjonijiet korrispondenti fil-BoP Irlandiż u l-istatistika IIP. 1)Ara paġna 2 tal-AMR 2016.2) Indiċi tal-prezzijiet tad-djar e = sors NCB tal-EL. 3) Il-livell tat-TFSL fil-Greċja huwa ogħla milli li kieku kien jiġi rreġistrat, minħabba t-trattament aħjar tal-parteċipazzjonijiet tal-banek ta' titolu ta' dejn b'terminu qasir ma ħruġin mill-banek.

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, l-Eurostat u d-Direttorat Ġenerali Affarijiet Ekonomi ċi u Finanzjarji (għar-Rata tal-Kambju Reali Effettiva), u l-Fond Monetarju Internazzjonali

## Tabella 2.1 (tkompli): Indikaturi awżiljarji, 2015

| Sena 2015 | Rata ta' impjieg (bidla % fuq sena waħda) | Rata ta' attività - % tal-popolazzjoni totali ta' bejn il-15 u l-64 sena (%) | Rata tal-qgħad fit-tul - % tal-popolazzjoni attiva ta' bejn il-15 u l-74 sena (%) | Rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ - % tal-popolazzjoni attiva ta' bejn il-15 u l-24 sena (%) | Żgħażagħ li la għandhom impjieg u lanqas qed jistudjaw jew jitħarġu - % tal-popolazzjoni totali ta' bejn 15-24 sena | | Nies fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali % tal-popolazzjoni totali | | Nies fir-riskju tal-faqar wara trasferiment soċjali % tal-popolazzjoni totali | | Nies f'deprivazzjoni materjali estrema % tal-popolazzjoni totali | | Nies li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'intensità ta' xogħol baxxa ħafna - % tal-popolazzjoni totali ta' bejn il-0 u d-59 sena | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | % | bidla fuq 3 snin fil-pp | % | bidla fuq 3 snin fil-pp | % | bidla fuq 3 snin fil-pp | % | bidla fuq 3 snin fil-pp | % | bidla fuq 3 snin fil-pp |
| BE | 0.9_x000D_ | 67.6_x000D_ | 4.4 | 22.1 | 12.2 | -0.1 | 1_x000D_ | .5_x000D_ | 9_x000D_ | .4_x000D_ | 3p_x000D_ | 5p_x000D_ | 9_x000D_ | .0_x000D_ |
| BG | .4p_x000D_ | 69.3_x000D_ | 5.6 | 21.6 | 19.3 | -2.2 | 3_x000D_ | .0_x000D_ | 0_x000D_ | .8_x000D_ | 2_x000D_ | .9_x000D_ | 6_x000D_ | .9_x000D_ |
| CZ | 1.4_x000D_ | 74.0_x000D_ | 2.4 | 12.6 | 7.5 | -1.4 | 0_x000D_ | .4_x000D_ | 7_x000D_ | .1_x000D_ | 6_x000D_ | .0_x000D_ | 8_x000D_ | .0_x000D_ |
| DK | 1.1_x000D_ | 78.5_x000D_ | 1.7 | 10.8 | 6.2 | -0.4 | 7_x000D_ | .2_x000D_ | 2_x000D_ | .2_x000D_ | 7_x000D_ | .0_x000D_ | 6_x000D_ | .4_x000D_ |
| DE | 0.9_x000D_ | 77.6_x000D_ | 2.0 | 7.2 | 6.2 | -0.9 | 0_x000D_ | .4_x000D_ | 7_x000D_ | .6_x000D_ | 4_x000D_ | .5_x000D_ | 8_x000D_ | .1_x000D_ |
| EE | 2.9_x000D_ | 76.7_x000D_ | 2.4 | 13.1 | 10.8 | -1.4 | 2_x000D_ | .8_x000D_ | 6_x000D_ | .1_x000D_ | 5_x000D_ | .9_x000D_ | 6_x000D_ | .5_x000D_ |
| IE | 2.5_x000D_ | 70.0_x000D_ | 5.3 | 20.9 | 14.3 | -4.4 | na_x000D_ | na_x000D_ | na_x000D_ | na_x000D_ | na_x000D_ | na_x000D_ | na_x000D_ | na_x000D_ |
| EL | .5p_x000D_ | 67.8_x000D_ | 18.2 | 49.8 | 17.2 | -3.0 | 7_x000D_ | .1_x000D_ | 4_x000D_ | .7_x000D_ | 2p_x000D_ | 7p_x000D_ | 8_x000D_ | .6_x000D_ |
| ES | .5p_x000D_ | 74.3_x000D_ | 11.4 | 48.3 | 15.6 | -3.0 | 6_x000D_ | .4_x000D_ | 1_x000D_ | .3_x000D_ | 4p_x000D_ | 5p_x000D_ | 4_x000D_ | .1_x000D_ |
| FR | .5p_x000D_ | 71.5_x000D_ | 4.3 | 24.7 | 12.0 | -0.5 | 7_x000D_ | .4_x000D_ | 6_x000D_ | .5_x000D_ | 5_x000D_ | .8_x000D_ | 6_x000D_ | .2_x000D_ |
| HR | 1.5_x000D_ | 66.8_x000D_ | 10.3 | 43.0 | 18.5 | 1.9 | 1_x000D_ | .5_x000D_ | 0_x000D_ | .4_x000D_ | 7_x000D_ | .2_x000D_ | 4_x000D_ | .3_x000D_ |
| IT | 0.6_x000D_ | 64.0_x000D_ | 6.9 | 40.3 | 21.4 | 0.4 | 7_x000D_ | .2_x000D_ | 9_x000D_ | .4_x000D_ | 5_x000D_ | .0_x000D_ | 7_x000D_ | .1_x000D_ |
| CY | .8p_x000D_ | 73.9_x000D_ | 6.8 | 32.8 | 15.3 | -0.7 | 9_x000D_ | .8_x000D_ | 2_x000D_ | .5_x000D_ | 4_x000D_ | .4_x000D_ | 9_x000D_ | .4_x000D_ |
| LV | 1.3_x000D_ | 75.7_x000D_ | 4.5 | 16.3 | 10.5 | -4.4 | 9_x000D_ | .3_x000D_ | 5_x000D_ | .3_x000D_ | 4_x000D_ | .2_x000D_ | 8_x000D_ | .9_x000D_ |
| LT | 1.3_x000D_ | 74.1_x000D_ | 3.9 | 16.3 | 9.2 | -2.0 | 3_x000D_ | .2_x000D_ | 2_x000D_ | .6_x000D_ | 9_x000D_ | .9_x000D_ | 2_x000D_ | .2_x000D_ |
| LU | 2.6_x000D_ | 0.9b_x000D_ | 1.9 | 16.6 | 6.2b | 0.3b | 5_x000D_ | .1_x000D_ | 3_x000D_ | .2_x000D_ | 0_x000D_ | .7_x000D_ | 7_x000D_ | .4_x000D_ |
| HU | 2.6_x000D_ | 68.6_x000D_ | 3.1 | 17.3 | 11.6b | -3.2b | 2_x000D_ | .3_x000D_ | 9_x000D_ | .6_x000D_ | 4_x000D_ | .9_x000D_ | 4_x000D_ | .1_x000D_ |
| MT | 3.4_x000D_ | 67.6_x000D_ | 2.4 | 11.8 | 10.4 | -0.2 | 4_x000D_ | .7_x000D_ | 3_x000D_ | .2_x000D_ | 1_x000D_ | .1_x000D_ | 2_x000D_ | .2_x000D_ |
| NL | .9p_x000D_ | 79.6_x000D_ | 3.0 | 11.3 | 4.7 | -0.2 | 3p_x000D_ | 3p_x000D_ | p_x000D_ | 0p_x000D_ | 5p_x000D_ | 2p_x000D_ | 2_x000D_ | .3_x000D_ |
| AT | 0.6_x000D_ | 75.5_x000D_ | 1.7 | 10.6 | 7.5 | 0.7 | 3_x000D_ | .2_x000D_ | 9_x000D_ | .5_x000D_ | 6_x000D_ | .4_x000D_ | 2_x000D_ | .5_x000D_ |
| PL | .4p_x000D_ | 68.1_x000D_ | 3.0 | 20.8 | 11.0 | -0.8 | 4_x000D_ | .3_x000D_ | 6_x000D_ | .5_x000D_ | 1_x000D_ | .4_x000D_ | 9_x000D_ | .0_x000D_ |
| PT | .4e_x000D_ | 73.4_x000D_ | 7.2 | 32.0 | 11.3 | -2.6 | 6_x000D_ | .3_x000D_ | 5_x000D_ | .6_x000D_ | 5p_x000D_ | 0p_x000D_ | 9_x000D_ | .8_x000D_ |
| RO | .9p_x000D_ | 66.1_x000D_ | 3.0 | 21.7 | 18.1 | 1.3 | 3_x000D_ | .9_x000D_ | 4_x000D_ | .5_x000D_ | 7_x000D_ | .4_x000D_ | 9_x000D_ | .0_x000D_ |
| SI | 1.1_x000D_ | 71.8_x000D_ | 4.7 | 16.3 | 9.5 | 0.2 | 2_x000D_ | .4_x000D_ | 3_x000D_ | .8_x000D_ | 8_x000D_ | .8_x000D_ | 4_x000D_ | .1_x000D_ |
| SK | 2.0_x000D_ | 70.9_x000D_ | 7.6 | 26.5 | 13.7 | -0.1 | 4_x000D_ | .1_x000D_ | 3_x000D_ | .9_x000D_ | 0_x000D_ | .5_x000D_ | 1_x000D_ | .1_x000D_ |
| FI | 0.4_x000D_ | 75.8_x000D_ | 2.3 | 22.4 | 10.6 | 2.0 | 8_x000D_ | .4_x000D_ | 4_x000D_ | .8_x000D_ | 2p_x000D_ | 7p_x000D_ | 8_x000D_ | .5_x000D_ |
| SE | 1.5_x000D_ | 81.7_x000D_ | 1.5 | 20.4 | 6.7 | -1.1 | 0_x000D_ | .4_x000D_ | 5_x000D_ | .4_x000D_ | 7_x000D_ | .6_x000D_ | 8_x000D_ | .1_x000D_ |
| UK | 1.8_x000D_ | 76.9_x000D_ | 1.6 | 14.6 | 11.1 | -2.8 | 5_x000D_ | .6_x000D_ | 7_x000D_ | .7_x000D_ | 1_x000D_ | .7_x000D_ | 9_x000D_ | .1_x000D_ |

Immarkar: b: pawża fis-serje taż-żmien. e: estimat. p: proviżorju.

Nota: 1) IE: Skadenza għat-trażmissjoni uffiċjali għad-dejta tal-2015 dwar in-Nies fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali hija t-30 ta' Novembru 2016 filwaqt li d-dejta kienet estratta fl-24 ta' Ottubru 2016.

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, l-Eurostat